

Brussell, 29 ta' Novembru 2017  
(OR. en)

15096/17

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2015/0278 (COD)**

---

---

**SOC 771  
MI 889  
ANTIDISCRIM 60  
AUDIO 132  
CODEC 1943**

## **NOTA**

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14363/17
Nru dok. Cion:	14799/15 + ADD 1 - ADD 3 - COM(2015) 615 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi - Approċċ ġenerali

---

## **I. INTRODUZZJONI**

F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta għal Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EAA) li ladarba jiġi adottat, jagħmel diversi prodotti u servizzi fl-Unjoni Ewropea (UE) aktar aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

Il-proposta dwar l-EAA ġiet identifikata fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali dwar il-prijoritajiet legiſlattivi tal-UE bħala wieħed mill-fajls li fuqu l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jagħmlu progress malajr u, fejn possibbli, ilestu l-ħidma qabel tmiem l-2017. Id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-proposta, kemm fil-livelli tekniċi u dawk politiċi.

Fl-14 ta' Settembru, il-Parlament Ewropew adotta l-ewwel qari tiegħu tal-mandat ta' negozjar.<sup>1</sup>

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fil-25 ta' Mejju 2016.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

Abbażi tad-diskussjonijiet matul il-Presidenza Estonjana u bħal tkomplija tal-ħidma matul il-Presidenzi preċedenti, it-test ġie organizzat u abbozzat mill-ġdid. Il-progress miksub f'dan l-aħħar perijodu kien fil-biċċa l-kbira minħabba kontribut siewi minn delegazzjonijiet u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom biex jiffinalizzaw il-ħidma teknika.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-EAA kif abbozzat attwalment ġie aċċettat mill-maġġoranza tal-Istati Membri. Il-kwistjoni dwar il-possibbiltà ta' sovrapożizzjonijiet ma' leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE ġiet solvuta wkoll. Barra minn hekk, l-Anness I ġie abbozzat mill-ġdid b'mod sinifikanti u l-Anness VI ġdid ġie miżjud biex jiċċara r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fid-dawl tal-emendi fl-Artikolu 12 dwar tibdil Fundamentali u piż sproporzjonat.

Fit-test tagħha, il-Presidenza kellha l-għan li jinstab bilanċ bejn l-elementi li ġejjin:

-bl-akbar rispett lejn il-*Qafas Leġiżlattiv Ġdid (QLĠ) għall-prodotti*, sabiex operaturi ekonomiċi li jittrattaw prodotti kif ukoll l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jsegwi l-approċċ tal-QLĠ;

-għal *servizzi*, il-Presidenza segwiet il-proposta tal-Kummissjoni li hija “ispirata” mill-QLĠ iżda bi grad ta' flessibilità għall-organizzazzjoni tas-sistema ta' sorveljanza tas-suq għal servizzi;

---

<sup>1</sup> Ir-relatur għall-Kumitat ewlieni (IMCO) huwa Morten LØKKEGAARD (DK/ALDE). Ir-relatur għall-Kumitat EMPL huwa Adám KÓSA (HU/PPE).

-iż-żamma tar-*rekwiżiti ta' aċċessibbiltà* għall-prodotti u s-servizzi fil-*livell funzjonali* (Anness I). Jiġi pprovdut Anness Ia li jagħti eżempji ċari dwar kif ir-*rekwiżiti ta' aċċessibbiltà* fl-Anness I jistgħu jintlaħqu jew x'jista' jkun ir-*riżultat mixtieq*;

-L-Artikolu 12 dwar *tibdil fundamentali u piż sproporzjonat* ġie emendat skont ix-xewqat tad-delegazzjonijiet sabiex tiġi ċċarata l-proċedura u sabiex tiġi pprovduta gwida ċara għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Ġie miżjud fit-test Anness IV ġdid ma' parametri referenzjarji għall-*valutazzjoni ta' piż sproporzjonat*;

-*mikrointrapriżi li jipprovdu servizzi*, li ħafna drabi huma intrapriżi ġodda u għandhom nuqqas ta' *riżorsi*, ikunu kompletament eżentati mir-*rekwiżiti tal-EAA*;

-it-test ġie organizzat mill-ġdid sabiex tittiejeb iċ-*ċarezza legali* (eż. bis-separazzjoni tal-partijiet tad-Direttiva li jittrattaw prodotti, servizzi jew it-tnejn li huma).

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddiskuta t-test ta' *kompromess tal-Presidenza fl-24 ta' Novembru*. Kwistjoni sostanzjali tal-aħħar (*Servizzi ta' emerġenza*) marbuta mal-kamp ta' *applikazzjoni għad iridu jiġu solvuti fil-Kumitat*.

*Servizzi ta' emerġenza* ġew inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni, kif ukoll il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza, bħala parti mill-komunikazzjonijiet elettroniċi.<sup>2</sup> Peress li għadd ta' delegazzjonijiet saħqu li direttiva tas-suq intern bbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE m'għandhiex tittratta mal-organizzazzjoni tal-Istati fir-rigward ta' servizzi ta' emerġenza, inkluż it-tweġib u l-immaniġġjar ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza, il-Kumitat ikkonkluda li r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà marbuta ma' Ċentru li jirċievu Telefonati ta' Emerġenza u b'mod partikolari t-tweġib ta' telefonati fuq in-numru uniku Ewropew tal-emerġenza 112 m'għandhomx jiġu inklużi fl-approċċ ġenerali tal-Kunsill; it-test ġie emendat kif adatt.

Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu tal-fehma li r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà relatati mat-tweġib ta' telefonati fuq in-numru uniku Ewropew tal-emerġenza 112 għandhom jiġu armonizzati fl-UE u ddispjaċihom dwar din l-esklużjoni. Għadd ta' delegazzjonijiet indikaw approċċ flessibbli għal din il-kwistjoni.

---

<sup>2</sup> Rigward l-aċċessibilità ta' servizzi ta' emerġenza u komunikazzjonijiet, ġew identifikati diversi komponenti:

- karatteristiċi ta' aċċessibbiltà fit-*tagħmir tal-konsumatur* (eż. smart phones) huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EAA; dawn mhumiex kontroversjali bħala tali;
- l-aċċessibbiltà ta' *komunikazzjonijiet ta' emerġenza* (kif ipprovduti minn operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika); inklużi wkoll fl-EAA u mhumiex kontroversjali bħala tali;
- rekwiżiti ta' aċċessibbiltà relatati ma' Ċentri li jirċievu t-Telefonati ta' Emerġenza li jiżguraw ir-rabta bejn il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza u s-servizzi ta' emerġenza, b'mod partikolari, it-tweġib tas-sejthiet għan-numru uniku Ewropew tal-emerġenza 112 (ara l-Artikolu 3(3a)(ġdid) u l-Anness I, Taqsima V). Din kienet il-parti kontroversjali tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza.

## **Riżervi pendent**

F'dan l-istadju, id-delegazzjonijiet kollha huma meqjusa li għandhom riżervi ġenerali ta' skrutinju dwar it-test emendat.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha riżerva dwar l-eżenzjoni minn din id-Direttiva tal-*mikrointrapriżi* li jipprovdu servizzi. Hija għandha wkoll riżerva dwar it-tneħħija tal-Artikolu 1(3) relatat mal-akkwist pubbliku, il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment u n-Netwerks Trans-Ewropej.

UK żammet riżerva ta' skrutinju parlamentari.

## **III. KONKLUŻJONI**

Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill (EPSCO) huwa mistieden jeżamina t-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness għal din in-nota bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali.

Proposta għal<sup>3</sup>

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar [...] <sup>4</sup> ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>5</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

---

<sup>3</sup> Il-bidliet meta mqabbla mad-dokument preċedenti (dok. 14363/17) huma indikati kif ġej: it-test ġdid b'**tipa grassa sottolinjata** u t-test imħassar immarkat permezz ta' [...]. Il-bidliet kollha għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni huma indikati kif ġej: it-test ġdid b'**tipa grassa** u t-test imħassar immarkat permezz ta' [...].

<sup>4</sup> Tneħħiet parti mit-titolu peress li superfluwa (suġġeriment mill-ġuristi lingwisti).

<sup>5</sup> Adottata fil-25 ta' Mejju 2016. ĠU C , , p. .

(1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament korrett tas-suq intern billi tapprossimizza l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri, billi telimina l-ostakli għall-moviment liberu ta' ċerti prodotti u servizzi aċċessibbli. Dan iżid id-**disponibbiltà** ta' prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern.

(2) Id-domanda għal prodotti u servizzi aċċessibbli hija għolja u l-għadd ta' ċittadini b'diżabbiltà [...] **huwa proġettat** li jiżdied b'mod sinifikanti. [...] Ambjent fejn il-prodotti u s-servizzi jkunu aktar aċċessibbli, jippermetti li jkun hemm soċjetà aktar inklużiva u jiffaċilita għajxien indipendenti **għal persuni b'diżabbiltà**.

**(2a)(ġdid)Din id-Direttiva tiddefinixxi persuni b'diżabbiltà f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD) li l-Unjoni Ewropea hija parti għaliha mill-21 ta' Jannar 2011. Il-UNCRPD tiddikjara li l-persuni b'diżabbiltà "jinkludu lil dawk li għandhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettuali jew sensorju fit-tul li, meta jinteraġixxi ma' diversi ostakli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' ħaddieħor". Din id-Direttiva tippromwovi l-parteċipazzjoni ugwali sħiħa u effettiva billi ttejjeb l-aċċess għal prodotti u servizzi konvenzjonali li permezz tat-tfassil inizjali jew l-adattament sussegwenti tagħhom jindirizzaw il-ħtiġijiet partikolari ta' persuni b'diżabbiltà.**

**(2b)(ġdid)Persuni oħra li jesperjenzaw limitazzjonijiet funzjonali, li jirriżultaw minn indeboliment fiżiku, mentali, intellettuali jew sensorju ieħor, età avvanzata, jew kawżi oħra relatati mal-prestazzjoni tal-ġisem, permanenti jew temporanji, li meta jinteraġġixxu ma' diversi ostakli jistgħu bl-istess mod ixekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' ħaddieħor, jibbenefikaw ukoll minn din id-Direttiva.**

- (3) Id-diskrepanzi bejn il-liġijiet, **ir-regolamenti** u l-miżuri amministrattivi adottati mill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqşam mal-aċċessibbiltà ta' prodotti u servizzi għal [...] persuni b'diżabbiltà, joħolqu ostakli għall-moviment liberu ta' prodotti u servizzi bħal dawn u jfixklu l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern. L-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), huma partikolarment milquta minn dawn l-ostakli.
- (4) Minħabba d-differenzi fir-rekwiżiti nazzjonali dwar l-aċċessibbiltà, il-professjonisti individwali, l-SMEs u l-mikrointrapriżi b'mod partikolari, huma skoraġġuti milli jidħlu fi proġetti kummerċjali 'l barra mis-swieq nazzjonali tagħhom. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà nazzjonali, jew anki reġjonali jew lokali, li l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ bħalissa jvarjaw kemm f'termini ta' kopertura kif ukoll f'termini ta' livell ta' dettall. Dawk id-differenzi jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetittività u t-tkabbir, minħabba l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fl-iżvilupp u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi aċċessibbli għal kull suq nazzjonali.
- (26) Il-biċċa l-kbira tal-impjiegi fl-Unjoni huma pprovduti mill-SMEs u mill-mikrointrapriżi. Dawn għandhom rwol kruċjali għat-tkabbir futur, iżda ħafna drabi jiffaċċjaw diffikultajiet u ostakli meta jiġu biex jiżviluppaw il-prodotti jew is-servizzi tagħhom, speċjalment fil-kuntest transfruntier. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-SMEs u tal-mikrointrapriżi billi jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-aċċessibbiltà filwaqt li jinżammu s-salvagwardji neċessarji.
- (5) Il-konsumaturi ta' prodotti aċċessibbli u r-riċevituri ta' servizzi aċċessibbli qed iħabbtu wiċċhom ma' prezzijiet għolja minħabba kompetizzjoni limitata fost il-fornituri. Il-frammentazzjoni fost ir-regolamenti nazzjonali tnaqqas il-benefiċċji potenzjali li jirriżultaw mill-qsim ta' esperjenzi ma' pari nazzjonali u internazzjonali fir-risposta tagħhom għall-iżviluppi teknoloġiċi u tas-soċjetà.



- (6) L-approssimazzjoni tal-miżuri nazzjonali fil-livell tal-Unjoni hija għalhekk meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern sabiex tintemm il-frammentazzjoni fis-suq ta' prodotti u servizzi aċċessibbli, biex jinħolqu ekonomiji ta' skala, jiġu ffaċilitati l-kummerċ u l-mobilità transfruntiera, kif ukoll biex l-operaturi ekonomiċi jiġu megħjuna jikkonċentraw ir-riżorsi fuq l-innovazzjoni minflok ma jużaw dawn ir-riżorsi għall-konformità ma' rekwiżiti legali frammentati madwar l-Unjoni.
- (7) Il-benefiċċji tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità għas-suq intern intwerew mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liftijiet<sup>6</sup> u r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> fil-qasam tat-trasport.
- (8) Fid-Dikjarazzjoni Nru 22 annessa mat-Trattat ta' Amsterdam, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri qablet li, fit-tfassil tal-miżuri skont l-Artikolu 114 tat-Trattat, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà.

*[il-premessa 9 dwar il-Karta ġiet trasferita fl-aħħar tal-premessi, wara l-premessa 51]*

---

<sup>6</sup> Direttiva 2014/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 251).

<sup>7</sup> Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p.1).

- (10) L-għan ġenerali tal-"Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali", huwa li jwassal benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli minn suq uniku diġitali konness. Il-konsumaturi tal-Unjoni għadhom mhux qed igawdu l-benefiċċji kollha ta' prezzijiet u għażla li jista' joffri s-suq uniku, minħabba li t-tranżazzjonijiet online transfruntiera għadhom limitati ħafna. Il-frammentazzjoni tillimita wkoll id-domanda għat-tranżazzjonijiet transfruntiera tal-kummerċ elettroniku. Hemm ukoll il-ħtieġa għal azzjoni miftiehma biex jiġi żgurat li l-kontenut elettroniku [...] **bħalma huma l-komunikazzjoni elettronika u l-aċċess għal servizzi tal-media awdjoviżiva jkun** disponibbli b'mod sħiħ għall-persuni b'diżabbiltà. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fis-suq uniku diġitali kollu u li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, irrispettivament mill-abbiltajiet tagħhom, ikunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tiegħu.
- (11) [...] Wara [...] li l-Unjoni **saret Parti għall-UN CRPD**, id-dispożizzjonijiet tagħha saru parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni.
- (12) [...] **Il-UN CRPD** titlob [...] lill-Partijiet għall-Konvenzjoni biex jiehdur miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u għall-komunikazzjonijiet, inkluż għas-sistemi u għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet u servizzi oħra miftuħa jew mogħtija lill-pubbliku, kemm f'żoni urbani kif ukoll rurali, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà **identifika** l-ħtieġa li jinħoloq qafas leġislattiv b'parametri referenzjarji konkreti, infurzabli u marbuta biż-żmien għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni gradwali tal-aċċessibbiltà.
- (13) Id-dħul fis-seħħ tal-**UN CRPD** fl-ordnijiet ġuridiċi tal-Istati Membri jimplika l-ħtieġa li jiġu adottati dispożizzjonijiet nazzjonali addizzjonali dwar l-aċċessibbiltà ta' prodotti u servizzi, **u** mingħajr azzjoni tal-Unjoni, **dawk id-dispożizzjonijiet** jkomplu jżidu d-differenzi bejn **il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri**.

- (14) **Din id-Direttiva tappoġġa lill-Istati Membri fit-twettiq tal-impenji nazzjonali tagħhom kif ukoll tal-obbligi tagħhom skont il-UNCRPD rigward l-aċċessibbiltà b'mod armonizzat.**
- (15) L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020 – Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakli<sup>8</sup> – f'konformità mal-UN CRPD, tistabbilixxi l-aċċessibbiltà bħala wieħed mit-tmien oqsma ta' azzjoni, u għandha l-għan li tiżgura l-aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi.
- (18) [...] **Jeħtieġ li jiġu introdotti** rekwiżiti ta' aċċessibbiltà bl-eħfef **mod** [...] għall-operaturi ekonomiċi u għall-Istati Membri. [...]
- (16) **Id-determinazzjoni tal-prodotti** u s-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva **hija** r-riżultat ta' eżerċizzju ta' skrinjar, imwettaq matul it-tnejn tal-Valutazzjoni tal-Impatt li identifika prodotti u servizzi rilevanti [...] għal persuni b'diżabbiltà, u [...] li għalihom l-Istati Membri adottaw jew x'aktarx li jadottaw rekwiżiti ta' aċċessibbiltà nazzjonali diverġenti **li jfixxlu l-funzjonament tas-suq intern.**
- (17) Kull prodott u servizz **li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva li jitpoġġa fis-suq jew jiġi pprovdut wara d-data li fiha l-Istati membri jridu japplikaw il-liġi nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva għandu jaderixxi ma' dawn ir-rekwiżiti applikabbli ta' aċċessibbiltà identifikati f'din id-Direttiva, sabiex ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltajiet.[...]**
- (17a)(ġdid) **Sabiex tkun żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ ukoll li l-prodotti użati fil-forniment ta' dawk is-servizzi li jkollu x'jaqsam magħhom il-konsumatur jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli ta' din id-Direttiva.**

*[il-premessa 18, ara wara l-premessa 15]*

---

<sup>8</sup> COM(2010) 636.

- (19) [...]Jenħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti u servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern.
- (20) Din id-Direttiva jenħtieġ li tagħmel obbligatorju l-użu ta' rekwiżiti ta' aċċessibbiltà funzjonali f'termini ta' oġettivi ġenerali. Dawn jenħtieġ li jkunu preċiżi biżżejjed biex joħolqu obbligi li jkunu jorbtu legalment u għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jagħmluha possibbli li tiġi vvalutata l-konformità sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-prodotti u għas-servizzi koperti. **Madankollu, jenħtieġ li jħallu grad ta' flessibbiltà għall-innovazzjoni, pereżempju, billi jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jagħżlu liema kanal sensorjali addizzjonali jipprovdu minbarra dak disponibbli sabiex jiżguraw li mill-inqas żewġ kanali sensorji jkunu disponibbli.**
- (25) L-aċċessibbiltà hija t-tneħħija u l-prevenzjoni **sistematika** tal-ostakli, **biex ikun żgurat l-aċċess ta' persuni b'diżabbiltà fuq bażi ndaq mal-oħrajn. Jenħtieġ li dan jinkiseb** preferibbilment permezz ta' disinn universali jew approċċ "disinn għal kulħadd", **li jfisser li d-disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi għandhom ikunu jistgħu jintużaw min-nies kollha, sa fejn l-aktar possibbli, mingħajr il-bżonn ta' adattament jew disinn speċjalizzat. Jenħtieġ li disinn universali ma jeskludix tagħmir ta' assistenza għal gruppi partikolari ta' persuni b'diżabbiltà meta dan ikun meħtieġ. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċessibbiltà ma teskludix il-forniment ta' soluzzjonijiet raġonevoli meta jkunu meħtieġa** mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.

*[Il-premessi 20a sa 20p isegwu l-ordni tal-Artikolu 1: il-hardware ġenerali tal-kompjuter u s-sistemi operattivi, il-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-aċċess għal servizzi awdjoviżivi, il-kotba elettroniċi, il-kummerċ elettroniku, is-servizzi bankarji, it-trasport tal-passiġġieri.]*

(20a)(ġdid) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri sistemi ta' hardware tal-kompjuter bi skop ġenerali. Sistemi ta' hardware tal-kompjuter bħal dawn huma kkaratterizzati min-natura multifunzjonali tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jwettqu, bis-software adatt, l-aktar kompiti informatiċi komuni mitluba mill-konsumaturi u huma intenzjonati li jiġu operati mill-konsumaturi. Il-kompjuters personali, inkluż desktops, notebooks, smartphones u tablets huma eżempji ta' sistemi ta' hardware tal-kompjuter bħal dawn. Kompjuters speċjalizzati inkorporati fi prodotti elettroniki tal-konsumatur ma jikkostitwixxux sistemi ta' hardware tal-kompjuter bi skop ġenerali. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tkoprix, fuq bażi individwali, komponenti uniċi b'funzjonijiet speċifiċi, bħal mainboard jew ċippa tal-memorja, li jintużaw jew li jistgħu jintużaw f'sistema bħal din.

(20b)(ġdid) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri wkoll servizzi ta' komunikazzjoni elettronika kif definit fid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,<sup>9</sup> inkluż tali servizzi ta' komunikazzjoni użati għal komunikazzjonijiet ta' emerġenza, li huma parti integrali tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniki. Bħalissa, il-miżuri meħudin mill-Istati Membri huma diverġenti u mhumiex armonizzati fis-suq intern kollu. L-iżgurar li l-istess rekwiżiti ta' aċċessibilità japplikaw fl-Unjoni kollha ser twassal għal ekonomiji ta' skala għal operaturi attivi f'aktar minn Stat Membru wieħed u ser tiffaċilita l-aċċess effettiv għal persuni b'diżabbiltajiet fl-Istati Membri tagħhom stess u meta jivvjaġġaw bejn l-Istati Membri. Sabiex komunikazzjonijiet ta' emerġenza jkunu aċċessibbli, il-fornituri tas-servizzi għandhom, minbarra li jipprovdi vuċi, jipprovdu test f'ħin reali u l-konverżazzjoni sħiħa fejn huwa previst filmat, sabiex tiġi żgurata s-sinkronizzazzjoni ta' dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni kollha. L-Istati Membri jistgħu, filwaqt li jirrispettaw din id-Direttiva, jiddeterminaw fornitur ta' servizzi ta' trażmissjoni ta' parti terza li jkun jista' jintuża minn persuni b'diżabbiltajiet sabiex jikkomunikaw mal-PSAP.

---

<sup>9</sup> Direttiva 2002/21/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniki (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).

**Din id-Direttiva għandha tkopri wkoll it-tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva, prevedibbilment li jiġi użat primarjament għal aċċess ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bħal dawn; Din l-aħħar kategorija tinkludi tagħmir użat bħala parti minn arranġament ta' aċċess għas-servizzi msemmija bħal router jew modem. L-evoluzzjoni teknoloġika mgħaġġla u l-karattru innovattiv ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi x'aktarx jiġi rifless fil-leġislazzjoni settorjali li jmiss li wkoll jista' jkollha impatt fuq l-aċċessibilità. Għaldaqstant din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/21/KE<sup>10</sup>. F'każ ta' kunflitt bejn id-Direttiva 2002/21<sup>11</sup> u din id-Direttiva, dik preċedenti tipprevali.**

(20c)[...]

(20d)(ġdid)<sup>12</sup>Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-aċċess għal servizzi tal-media awdjoviżiva jfisser li l-aċċess għal kontenut awdjoviżiv, għandu jkun aċċessibbli, kif ukoll mekkaniżmi li jippermettu lill-utenti b'diżabbiltà li jużaw it-teknoloġiji ta' assistenza tagħhom. L-aċċess jista' jiġi pprovdut pereżempju permezz ta' tagħmir bħal set-top tat-televiżjoni jew servizzi ta' televiżjoni konnessi li jippermettu li jiġi riċevut kontenut awdjoviżiv. [Id-Direttiva għandha tkopri wkoll karatteristiċi jew servizzi li jipprovdu aċċess għal servizzi tal-media awdjoviżiva, u l-karatteristiċi ta' aċċessibilità tal-Gwidi tal-Programmi Elettroniċi (EPGs) minħabba li l-aċċessibilità tagħhom mhijiex koperta fl-AVMSD].

---

<sup>10</sup> Ser tiġi sostitwita b'referenza għall-eCode meta jkun ġie adottat il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

<sup>11</sup> Ser tiġi sostitwita b'referenza għall-eCode meta jkun ġie adottat il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

<sup>12</sup> It-test emendat għall-preċiżjoni.

**(20e)(ġdid) Il-fajls tal-kotba elettroniċi huma bbażati fuq kodifikazzjoni elettronika tal-kompjuter li tippermetti ċ-ċirkolazzjoni u l-konsultazzjoni ta' xogħol intellettuali fil-biċċa l-kbira testwali u grafiku. Il-grad ta' preċiżjoni ta' din il-kodifikazzjoni tiddetermina l-aċċessibilità tal-fajls tal-kotba elettroniċi, b'mod partikolari rigward il-kwalifika tal-elementi kostituttivi differenti tax-xogħol u d-deskrizzjoni standardizzata tal-istruttura tagħha. L-interoperabilità f'termini ta' aċċessibilità għandha tottimizza l-kompatibilità ta' dawn il-fajls mal-aġenti tal-utenti u mat-teknoloġiji ta' assistenza attwali u futuri. Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità tal-kotba elettroniċi m'għandhomx jiksru l-integrità tax-xogħol intellettuali li l-fajls diġitali tagħhom jippermettu l-konsultazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni. Karatteristiċi speċifiċi ta' volumi speċjali bħal komiks, kotba għat-tfal u kotba tal-arti għandhom jiġu kkunsidrati fir-rigward tar-rekwiżiti kollha ta' aċċessibilità applikabbli. Rekwiżiti ta' aċċessibilità differenti fl-Istati Membri jagħmluha diffiċli għall-pubblikaturi u operaturi ekonomiċi oħrajn li jibbenefikaw mill-vantaġġi tas-suq intern, jistgħu joħlqu problemi ta' interoperabilità mal-qarrejja elettroniċi u jillimitaw l-aċċess għall-konsumaturi b'diżabbiltà.**

- (20f)(ġdid)** Din id-Direttiva tiddefinixxi l-kummerċ elettroniku bħala servizz ipprovdut mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' konsumatur, bil-ħsieb li jiġi konkluż kuntratt tal-konsumatur. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni "mill-bogħod" tfisser li servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament; "b'mezzi elettroniċi" tfisser li s-servizz inizjalment jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali) u l-ħżin tad-data, u dan jiġi trasmess, imwassal u rċevut kollu kemm hu permezz ta' wajers, birradju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra; "fuq it-talba individwali ta' konsumatur" tfisser li s-servizz jiġi pprovdut fuq talba individwali; "bil-ħsieb li jiġi konkluż kuntratt tal-konsumatur" għandha l-ħsieb li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi tal-kummerċ elettroniku għall-kummerċ tat-tranżazzjonijiet tal-konsumatur biss u tispeċifika, fil-kuntest ta' din id-Direttiva, l-operaturi ekonomiċi kkonċernati, bil-formulazzjoni tal-intenzjoni preċiża tal-provvista ta' servizzi bħal dawn.
- (20g)(ġdid)** Jenħtieġ li l-obbligi ta' aċċessibbiltà tal-kummerċ elettroniku li jinsabu f'din id-Direttiva japplikaw għall-bejgħ online ta' kwalunkwe prodott jew servizz u għalhekk jenħtieġ li japplikaw għal bejgħ ta' prodott jew servizz kopert fih innifsu minn din id-Direttiva.
- (20h)(ġdid)** Il-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni Ewropea dwar servizzi bankarji u finanzjarji għandha l-għan li tipprovdri informazzjoni lill-konsumaturi ta' dawk is-servizzi bankarji madwar l-UE iżda ma tinkludix ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà. Bil-għan li jippermettu lill-persuni b'diżabbiltajiet li jużaw dawn is-servizzi madwar l-Unjoni, jittieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati, u jħossuhom kunfidenti li huma mħarsa b'mod adegwat fuq bażi ugwali ma' konsumaturi oħra kif ukoll tiżgura kondizzjonijiet ekwi għall-fornituri ta' servizzi, din id-Direttiva għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà komuni għal ċerti servizzi bankarji u finanzjarji pprovduti lill-konsumaturi.



- (20i)(ġdid)** Ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità xierqa għandhom japplikaw ukoll għall-metodi ta' identifikazzjoni, il-firma elettronika u s-servizzi ta' ħlas billi dawn huma meħtieġa biex jiġu konklużi tranżazzjonijiet bankarji tal-konsumatur.
- (20j)(ġdid)** Din id-Direttiva għandha tkopri wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha terminals self-service interattivi inkluż kemm hardware kif ukoll software dedikati biex jintużaw għall-provvista tas-servizzi koperti minn din id-Direttiva, esklużi magni installati bħala parti minn vetturi, inġenji tal-ajru, vapuri jew vetturi ferrovjarji. Dan jinkludi pereżempju Magni tal-Flus Awtomatiċi, terminals ta' pagament u Terminals Self-Service oħra użati għas-servizzi bankarji tal-konsumatur; kwalunkwe magna tal-biljetti li toħroġ biljetti fiżiċi li jagħtu aċċess għal servizzi koperti minn din id-Direttiva bħal distributuri tal-biljetti tal-ivvjaġġar, magni tal-biljetti fil-kju ta' uffiċċji bil-bank; magni taċ-check-in użati biex jiġu kkontrollati passiġġieri għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri; u terminals self-service interattivi li jipprovdu informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, inklużi skrins tal-informazzjoni interattivi.
- (20k)(ġdid)** Fil-kuntest tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma din id-Direttiva għandha tkopri wkoll l-ġhoti tal-informazzjoni dwar is-servizz tat-trasport ipprovdut permezz ta' siti web, applikazzjonijiet mobbli, terminals self-service interattivi u skrins tal-informazzjoni interattivi meħtieġa minn persuni b'diżabbiltà sabiex jivvjaġġaw, inkluż informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali. Dan jista', pereżempju, jinkludi informazzjoni ta' qabel il-vjaġġ, informazzjoni matul il-vjaġġ u informazzjoni pprovduta meta s-servizz jitħassar jew meta jkun hemm dewmien fit-tluq. Elementi oħra ta' informazzjoni jistgħu jinkludu wkoll pereżempju informazzjoni dwar prezzijiet u promozzjonijiet.

- (20l)(ġdid)** Jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri wkoll servizzi bbażati fuq tagħmir mobbli inkluż applikazzjonijiet mobbli żviluppati jew magħmula disponibbli minn operaturi tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew f'isimhom, bħal servizzi tal-biljetti elettroniċi, biljetti elettroniċi, u l-għoti ta' informazzjoni dwar il-prodotti u s-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri tal-fornitur tas-servizzi, inkluż l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali.
- (20m)(ġdid)** Id-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-leġislazzjoni settorjali eżistenti marbuta mad-drittijiet tal-passiġġieri.

**(20n)(ġdid)Ċerti elementi tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà, b'mod partikolari b'rabta mal-forniment ta' informazzjoni kif stabbiliti f'din id-Direttiva, huma diġà koperti mil-liġi eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport. Dan jinkludi elementi tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,<sup>13</sup> ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1300/2014<sup>14</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 454/2011<sup>15</sup> rigward it-trasport ferrovjarju; ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasport bil-karozza tal-linja u bil-kowċ;<sup>16</sup> ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni<sup>17</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1107/2006 kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 261/2004<sup>18</sup> dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza regolatorja, ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti, għandhom ikomplu jiġu applikati bħal qabel. Madankollu, ir-rekwiżiti addizzjonali previsti f'din id-Direttiva fl-ambitu tal-applikazzjoni jissupplimentaw ir-rekwiżiti eżistenti, billi jtejbu l-funzjonament tas-suq intern fil-qasam tat-trasport u jkunu ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabbiltà.**

---

<sup>13</sup> Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

<sup>14</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110).

<sup>15</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11).

<sup>16</sup> Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

<sup>17</sup> Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

<sup>18</sup> Regolament (UE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li majithallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament(KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).

**(20o)(ġdid)** Ċerti elementi tas-servizzi tat-trasport ma għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva meta jiġu pprovduti barra mit-territorju tal-Istati Membri wkoll fejn is-servizz ikun ġie dirett lejn is-suq tal-Unjoni. Fir-rigward ta' dawk l-elementi, jenħtieġ li operatur ta' servizz tat-trasport tal-passiġġieri jkun obligat biss jiżgura li r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jintlaħqu fir-rigward tal-parti tas-servizz offrut fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, fil-każ ta' trasport bl-ajru, it-trasportaturi tal-ajru tal-UE huma obligati li jiżguraw li r-rekwiżiti applikabbli ta' din id-Direttiva jkunu sodisfatti wkoll fuq titjiriet li jtilqu minn ajruport li jinsab f'pajjiż terz u li jtiru lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru. Barra minn hekk, it-trasportaturi tal-ajru kollha, inklużi dawk li mhumiex liċenzjati fl-Unjoni, huma obligati jiżguraw li r-rekwiżiti applikabbli ta' din id-Direttiva huma sodisfatti f'każijiet fejn titjiriet jtilqu minn territorju tal-Unjoni għal territorju f'pajjiż terz.

**(20p)(ġdid)** Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' aċċessibilità stabbiliti taħt din id-Direttiva japplikaw għall-prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni wara d-data li fiha l-Istati membri jridu japplikaw il-liġi nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva, inkluż prodotti użati u prodotti użati importati minn pajjiż terz imqiegħda fis-suq tal-Unjoni wara dik id-data.

- (21) [...] Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [...] <sup>19</sup>  
**tiddefinixxi** r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal grupp speċifiku ta' siti web ta' korpi tas-  
settur pubbliku [...], **applikazzjonijiet mobbli u aspetti relatati oħra, b'mod**  
**partikolari r-rekwiżiti relatati mal-konformità tas-siti web rilevanti [...] u l-**  
**applikazzjonijiet mobbli. Madankollu, jenħtieġ li xi attivitajiet li [...] jsiru permezz**  
**ta' siti web [...] tas-settur pubbliku [...] u applikazzjonijiet mobbli, bħal pereżempju**  
**servizzi tat-trasport tal-passiġġieri jew kummerċ elettroniku jew siti ta' servizzi tal-**  
**media awdjoviżiva, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom**  
**ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli li jinsabu f'din id-**  
**direttiva** sabiex jiġi żgurat li l-bejgħ online ta' prodotti u servizzi jkun aċċessibbli għal  
persuni b'diżabbiltà [...] irrispettivament mill-bejgħ pubbliku jew privat tagħhom.
- (21a)(ġdid) **L-erba' prinċipji ta' aċċessibbiltà għall-web huma: il-perċettibbiltà, jiġifieri li l-**  
**komponenti tal-informazzjoni u tal-interfaċċa tal-utenti għandhom ikunu**  
**preżentabbli għall-utenti b'modi li jistgħu jipperċepixxu; l-operabbiltà, jiġifieri li l-**  
**komponenti tal-interfaċċa tal-utenti u n-navigazzjoni għandhom ikunu operabbli;**  
**il-fehim, jiġifieri li l-informazzjoni u t-tħaddim ta' interfaċċa tal-utent għandhom**  
**ikunu jinftiehem; u s-saħħa, jiġifieri li l-kontenut għandu jkun b'saħħtu biżżejjed li**  
**jkun jista' jiġi interpretat b'mod affidabbli permezz ta' varjetà kbira ta' aġenti tal-**  
**utenti, inklużi teknoloġiji ta' assistenza. Dawn il-prinċipji huma wkoll użati fid-**  
**Direttiva (UE) 2016/2102.**
- (22) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, fejn il-prodotti  
u s-servizzi koperti minn din id-Direttiva jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà  
**applikabbli**, il-moviment liberu tagħhom fi ħdan l-Unjoni ma jkunx ostakolat minħabba  
raġunijiet ta' aċċessibbiltà.
- (23) **imħassar**
- (24) **imħassar**

---

<sup>19</sup> Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar  
l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku  
(ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).

*[il-premessa 25 ġiet trasferita għal wara l-premessa 20 u l-premessa 26 ġiet trasferita għal wara l-premessa 4]*

- (27) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun ibbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup> billi tikkonċerna prodotti li huma diġà soġġetti għal atti oħra tal-Unjoni, **sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-karatteristiċi speċifiċi tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità li jinsabu f'din id-Direttiva.**
- (28) L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jiżguraw li jagħmlu disponibbli fis-suq biss dawk il-prodotti li jkunu konformi ma' [...] din id-Direttiva. **L-istess għandu japplika għall-operaturi ekonomiċi li jipprovdu servizzi.** Jeħtieġ li tiġi stipulata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u tad-distribuzzjoni.
- (29) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli għall-konformità tal-prodotti u tas-servizzi, **f'konformità** mar-rwoli rispettivi li għandhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-aċċessibilità u biex tiġi garantita l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.
- (29a)(ġdid) L-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li japplikaw b'mod ugwali lil operaturi ekonomiċi fis-settur pubbliku u dak privat.**
- (30) Il-manifattur, li jkollu għarfien dettaljat tad-disinn u tal-proċess tal-produzzjoni, huwa fl-aħjar pożizzjoni biex iwettaq il-proċedura kollha ta' valutazzjoni tal-konformità. L-obbligi għall-valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jkunu f'idejn il-manifattur.

---

<sup>20</sup> Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13/08/2008, p. 82).

- (31) Id-distributuri u l-importaturi jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq li jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali, u jenħtieġ li jieħdu sehem b'mod attiv billi jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni kollha neċessarja dwar il-prodott ikkonċernat.
- (32) L-importaturi jenħtieġ li jiżguraw li l-prodotti minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jkunu konformi ma' [...] din id-Direttiva, u b'mod partikolari li l-fabbrikanti jkunu għamli l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa fir-rigward ta' dawk il-prodotti.
- (33) Meta jqiegħed prodott fis-suq, jenħtieġ li kull importatur jindika fuq il-prodott ismu u l-indirizz fejn il-kumpanija tista' tiġi kkuntattjata.
- (34) Jenħtieġ li d-distributuri jiżguraw li l-maniġġar tagħhom tal-prodott ma jolqotx ħażin il-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' din id-Direttiva.
- (35) Jenħtieġ li kull operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq prodott f'ismu jew bit-trade mark tiegħu jew jimmodifika prodott b'mod li dan jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti **ta' aċċessibbiltà** applikabbli, jitqies bħala l-manifattur u jassumi l-obbligi tal-manifattur.
- (36) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà japplikaw biss sal-punt li ma jimponux piż sproporzjonat fuq l-operatur ekonomiku kkonċernat, jew jirrikjedu bidla fil-prodotti u fis-servizzi li jirriżultaw fit-tibdil fundamentali tagħhom f'konformità [...] mal-kriterji **speċifikati f'din id-Direttiva**.

(37) Jenħtieġ li din id-Direttiva ssegwi l-prinċipju "l-ewwel aħseb fiż-żgħir" u tqis il-piżijiet amministrattivi li qed iħabbtu wiċċhom magghom l-SMEs. Jenħtieġ li tistabilixxi r-regoli ħfief f'termini tal-valutazzjoni tal-konformita u tistabilixxi klawżoli ta' salvagwardja għall-operaturi ekonomiċi, minflok ma tistipula eċċezzjonijiet u derogi ġenerali għal dawn l-intrapriżi. Konsegwentement, jenħtieġ li meta jiġu stabbiliti regoli għall-għażla u għall-implimentazzjoni tal-aktar proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformita xierqa, titqies is-sitwazzjoni tal-SMEs filwaqt li l-obbligi biex tiġi vvalutata l-konformita tar-rekwiżiti ta' aċċessibilita jiġu limitati sal-punt li dawn ma joħolqux piż sproporzjonat fuq l-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq joperaw b'mod proporzjonat fir-rigward tad-daqs tal-intrapriżi u tan-natura ta' serje żgħira jew bla serje tal-produzzjoni kkonċernata, mingħajr ma jinħolqu ostakli bla bżonn għall-SMEs u mingħajr ma tiġi compromessa l-protezzjoni **tal-interest** pubbliku.



**(37a)(ġdid) F'każijiet eċċezzjonali, fejn ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti f'din id-Direttiva jikkostitwixxu piż sproporzjonat fuq l-operaturi ekonomiċi, dawn ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw magħhom. F'dawn il-każijiet debitament ġustifikati, ma jkunx raġonevolment possibbli li operatur ekonomiku japplika waħda jew aktar mir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà identifikati fl-Anness 1 għal din id-Direttiva. Madankollu, l-operatur ekonomiku għandu jagħmel servizz jew prodott fil-qafas tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva aċċessibbli fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li ma kienux ikkunsidrati mill-operatur ekonomiku bħala li jimponu piż sproporzjonat. Eċċezzjonijiet biex jiġi rispettati wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà minħabba l-piż sproporzjonat li jimponu m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jiġi limitat dak il-piż fir-rigward tal-prodott jew servizz partikolari kkonċernat f'kull każ individwali. Miżuri li jimponu piż sproporzjonat għandhom jinftiehem bħala miżuri li jkunx jimponu piż organizzattiv jew finanzjarju eċċessiv addizzjonali fuq l-operatur ekonomiku, b'kont meħud tal-benefiċċju li x'aktarx jirriżulta għal persuni b'diżabbiltà. Il-punti ta' riferiment ibbażati fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jiġu definiti sabiex ikun possibbli għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jqabblu sitwazzjonijiet differenti u sabiex jevalwaw il-presenza possibbli ta' piż sproporzjonat b'mod sistematiku. Huma biss elementi leġittimi f'konformità mal-Anness IV li għandhom jiġu kkunsidrati fi kwalunkwe valutazzjoni sa fejn ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ma jistgħux jintlaħqu minħabba li jimponu piż sproporzjonat. Nuqqas ta' prijorità, ħin jew għarfien m'għandhomx jitqiesu bħala raġunijiet leġittimi.**

**(37b)(ġdid)** Il-valutazzjoni iġenerali ta' piż sproporzjonat għandha ssir bl-użu ta' punti ta' riferiment identifikati fl-Anness IV. Il-valutazzjoni ta' piż sproporzjonat għandha tiġi dokumentata mill-operatur ekonomiku filwaqt li jitqiesu parametri referenzjarji rilevanti. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jerġgħu jevalwaw il-valutazzjoni ta' piż sproporzjonat wara kull ħames snin. Fuq talba tal-awtorità nazzjonali kompetenti biss l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-valutazzjoni fejn jispjegaw għaliex il-prodott jew is-servizz mhux kompletament aċċessibbli u jipprovdu evidenza ta' piż sproporzjonat.

**(37c)(ġdid)** Jekk fuq il-bażi tal-valutazzjoni meħtieġa, jiġi konkluż li dan ikun jikkostitwixxi piż sproporzjonat fuq l-operatur ekonomiku li jirrikjedi li t-terminals self-service jkunu disponibbli għall-forniment tal-istess servizz jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità stabbiliti f'din id-Direttiva, huwa adegwat li jiġi vvalutat ukoll kemm minn dawn il-magni huma biżżejjed biex tiġi żgurata l-aċċessibilità tas-servizzi pprovduti mill-fornitur tas-servizz inkwistjoni. Fil-valutazzjoni tiegħu, jenħteġ li l-fornitur tas-servizz iqis, fost affarijiet oħra, il-benefiċċju stmat għal persuni b'diżabbiltà.

**(37d)(ġdid)** Il-mikrointrapriżi huma distinti mill-intrapriżi l-oħra kollha minħabba r-riżorsi umani limitati tagħhom u l-fatturat annwali u/jew il-karta tal-bilanċ annwali. Il-piż ta' konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal mikrointrapriżi, għalhekk, b'mod ġenerali, jieħu sehem akbar tar-riżorsi finanzjarji u umani tagħhom milli għal impriżi oħrajn u huwa aktar probabbli li jirrappreżenta sehem sproporzjonat tal-ispejjeż. Parti sinifikanti tal-ispiża għall-mikrointrapriżi jirriżulta mit-tlestija jew iż-żamma tad-dokumenti u r-rekords li juru l-konformità mar-rekwiżiti differenti stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni. Filwaqt li l-operaturi ekonomiċi kollha koperti minn din id-direttiva għandhom ikunu kapaċi jivvalutaw il-proporzjonalità ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva u li jkunu konformi magħhom biss sa fejn dawn ma jkunux sproporzjonati, talba ta' valutazzjoni bħal din minn mikrointrapriżi li jipprovdu servizzi, għaldaqstant, fiha nnifisha tikkostitwixxi piż sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji probabbli għal persuni b'diżabbiltajiet . Għaldaqstant jenħtieġ li r-rekwiżiti u l-obbligi f'din id-Direttiva ma japplikawx għal mikrointrapriżi li jipprovdu servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

**(37e)(ġdid)** L-istess eżenzjoni għal mikrointrapriżi m'għandhiex tapplika fuq prodotti koperti minn din id-Direttiva. Fir-rigward ta' prodotti, l-obbligi ta' din id-Direttiva jaqgħu fuq diversi operaturi ekonomiċi tul il-katina tal-manifattura u tad-distribuzzjoni. B'mod ġenerali li jiġu esklużi l-mikrointrapriżi kollha mingħajr evalwazzjoni ġenerali, filwaqt li jitqies ir-rwol tagħhom fil-katina partikolari, iwassal għal inkonsistenzi u distorsjonijiet tas-suq intern li jirriżultaw f'diffikultajiet għal infurzar effettiv mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq. Persuni b'diżabbiltajiet jista' jkollhom diffikultajiet biex ikunu jafu jekk xi wieħed mill-operaturi ekonomiċi involuti fil-katina ta' prodott partikolari huwiex mikrointrapriża u konsegwentement jekk ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà japplikawx jew le. Persuni b'diżabbiltajiet, min-naħa l-oħra, ikunu jistgħu jidentifikaw liema servizzi huma mwettqa minn mikrointrapriżi u jkunu jistgħu jagħżlu dawk is-servizzi li huma aċċessibbli għalihom.

- (38) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha jaġixxu b'mod responsabbli u f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali applikabbli meta prodotti jitqiegħdu jew isiru disponibbli fis-suq jew meta jiġu pprovduti servizzi fis-suq.
- (39) Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni **tal-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità** applikabbli, jenħtieġ li tiġi prevista dispożizzjoni għal preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti u għas-servizzi li huma f'konformità mal-istandards armonizzati volontarji li huma adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>21</sup> bl-iskop li **jitfasslu** l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. Il-Kummissjoni diġà ħarġet għadd ta' talbiet għal standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej ta' standardizzazzjoni dwar l-aċċessibilità li jkunu rilevanti għat-tnejn ta' standards armonizzati.
- (39a)(ġdid) Regolament (UE) Nru 1025/2012 jipprevedi proċedura għal oġġezzjonijiet formali għall-istandards armonizzati li huma kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.**
- (40) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati u fejn meħtieġ għal skopijiet ta' armonizzazzjoni tas-suq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għar-rekwiżiti ta' aċċessibilità stabbiliti f'din id-Direttiva.

---

<sup>21</sup> Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)

- (41) Sabiex jiġi żgurati aċċess effettiv għall-informazzjoni għall-iskop tas-sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi ddikjarata l-konformità mal-atti applikabbli kollha tal-Unjoni, **tkun** disponibbli f'dikjarazzjoni unika ta' konformità tal-UE. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu jinkludu fid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE unika, id-dikjarazzjonijiet **kollha** ta' konformità individwali.
- (42) Għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti, jenħtieġ li din id-Direttiva tuża l-kontroll intern tal-produzzjoni tal-“Modulu A”, deskritt fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, billi din tgħin lill-operaturi ekonomiċi biex juru, u lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw, li l-prodotti li jsiru disponibbli fis-suq huma konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità, filwaqt li ma jimponux piż sproporzjonat.
- (43) Fir-rigward tas-servizzi, jenħtieġ li l-informazzjoni meħtieġa [...] biex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità tingħata fit-termini u fil-kundizzjonijiet ġenerali, jew f'dokument ekwivalenti **mingħajr preġudizzju għal Direttiva UE 2011/83**.
- (44) It-tikketta CE, li tindika l-konformità ta' prodott mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità ta' din id-Direttiva, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Jenħtieġ li din id-Direttiva ssegwi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw it-tikketta CE tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>22</sup> li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti.
- (45) Skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 bit-twaħħil tat-tikketta CE ma' prodott, il-manifattur ikun qed jiddikjara li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżiti kollha ta' aċċessibilità applikabbli u li jieħu r-responsabbiltà sħiħa tal-prodott.

---

<sup>22</sup> Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (46) Skont id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, l-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw sorveljanza tas-suq rigoruża u effikaċi tal-prodotti fit-territorji tagħhom u jenħtieġ li jallokaw setgħat u riżorsi suffiċjenti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
- (47) Jenħtieġ li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità tas-servizzi mal-obbligi ta' din id-Direttiva u jsegwu l-ilmenti jew ir-rapporti relatati man-nuqqas ta' konformità sabiex jiżguraw li tkun ittiegħdet azzjoni korrettiva.
- (47a)(ġdid) Sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni uniformi tal-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', fejn ikun xieraq, tadotta linji gwida mhux vinkolanti b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li ser jappoġġaw il-koordinazzjoni bejn il-konformità tal-awtoritajiet tas-servizzi. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu inizjattivi bl-għan li jiġu kondiviżi r-riżorsi u l-għarfien espert tal-konformità tal-awtoritajiet tas-servizzi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkoordina dawk l-inizjattivi.**
- (48) L-Istati Membri mistennija jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiċċekkjaw il-konformità tal-operaturi ekonomiċi mal-kriterji msemmija fl-Anness IV f'konformità mal-Kapitolu V. **L-Istati Membri jistgħu jagħżlu korp speċjalizzat biex iwettaq l-obbligi tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq skont din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-kompetenzi ta' korp speċjalizzat bħal dan għandu jkun limitat għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew ċerti partijiet minnha u li, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, jenħtieġ li huwa jwettaq biss il-kompiti previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 meħtieġa biex tiġi żgurata s-sorveljanza effettiva tas-suq skont dak ir-Regolament u din id-Direttiva.**
- (49) **imħassar**

- (50) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' salvagwardja li **tapplika** biss f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri dwar miżuri meħuda minn Stat Membru u li permezz tagħha l-partijiet interessati jiġu informati bil-miżuri maħsuba biex jittieħdu fir-rigward ta' prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' din id-Direttiva. Din għandha tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, b'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, li jaġixxu fi stadju aktar bikri fir-rigward ta' tali prodotti.
- (51) Meta l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ġustifikazzjoni ta' miżura meħuda minn Stat Membru, ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni jkollha tinvolvi lilha nnifisha aktar, ħlief fejn in-nonkonformità jkun jista' jiġi attribwit lin-nuqqasijiet f'xi standard armonizzat.
- (9) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tftitex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà li jgawdu minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali u l-parteciċipazzjoni tagħhom fil-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (52) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' [...] din id-Direttiva, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni **fir-rigward tal-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni**. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>23</sup>

---

<sup>23</sup> Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13).

- (53) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ħadu l-impenn li f'każijiet iġġustifikati, **jiżguraw li** n-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom **hija akkumpanjata** b'dokument wieħed jew aktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata.
- (53c)(ġdid) **Sabiex il-fornituri tas-servizzi jkollhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi pprovdut perijodu tranżitorju ta' [5] snin wara d-data li fiha l-Istati Membri jridu japplikaw il-liġi nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva, li matulu l-prodotti użati għall-forniment ta' servizz li tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni qabel dik id-data ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà skont din id-Direttiva sakemm ma jiġux sostitwiti mill-fornituri tas-servizzi matul il-perijodu tranżitorju. Meta jitqiesu l-ispejjeż u ċ-ċiklu tal-ħajja twil ta' terminals self-service, huwa adegwat li jiġi previst li, meta terminals bħal dawn jintużaw għall-forniment ta' servizzi, jistgħu jkomplu jintużaw sa tmiem il-ħajja ekonomika tagħhom, sakemm ma jinbidlux matul dak il-perijodu, iżda mhux għal aktar minn 20 sena.**



(54) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-moviment liberu ta' ċerti prodotti u servizzi aċċessibbli, **sabiex** tikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għaliex jirrikjedi l-armonizzazzjoni tar-regoli differenti li bħalissa jeżistu fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, iżda jista' pjuttost jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jiġu [...] definiti r-regoli u r-rekwiżiti komuni ta' aċċessibbiltà għall-funzjonament tas-suq uniku, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

**KAPITOLU I**  
**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu -1 (ġdid)*

*Suġġett*

**L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tapprossimizza l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għal prodotti u servizzi billi telimina u tevita ostakli li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibbiltà diverġenti għall-moviment liberu ta' prodotti u servizzi koperti minn din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 1.**

*Artikolu 1*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. **Din id-Direttiva tapplika għall-prodotti li ġejjin imqiegħda fis-suq tal-Unjoni wara d-data msemmija fl-Artikolu 27(2):**
  - (a) **sistemi** ta' hardware tal-kompjuter bi skop ġenerali **għall-konsumatur** u sistemi operattivi;
  - (c) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika **interattiva, prevedibbilment li jiġi użat primarjament għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika;**
  - (d) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika **interattiva, użat biex jiġu aċċessati** servizzi tal-media awdjoviżiva;
  - (e) **qarrejja elettroniċi; u**

(b) it-terminals self-service li ġejjin **iddedikati għall-forniment ta' servizzi koperti minn din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 1(2):**

(i) Magni tal-Flus Awtomatiċi;

**(ia) terminals ta' pagament;**

(ii) magni tal-biljetti;

(iii) magni taċ-check-in **użati biex jiġu kkontrollati passiġġieri għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri;**

**(iv) terminals self-service interattivi li jipprovdu informazzjoni, eskluż magni installati bħala partijiet integrati ta' vetturi, inġenji tal-ajru, bastimenti jew vetturi ferrovjarji.**

2. **Din id-Direttiva tapplika għas-servizzi li ġejjin ipprovduti lill-konsumaturi wara d-data msemmija fl-Artikolu 27(2), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27a ta' din id-Direttiva:**

(a) **servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bl-eċċezzjoni ta' servizzi użati biex jagħtu servizzi minn magna għal oħra ;**

(b) **servizzi li jipprovdu aċċess għal servizzi ta' media awdjoviżiva [...];**

(e) **kotba elettroniċi u software ddedikati;**

(f) **kummerċ elettroniku;**

(d) **servizzi bankarji tal-konsumatur.**

- (c) **l-elementi li ġejjin ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma:**
- (i) siti web;**
  - (ia) servizzi bbażati fuq tagħmir mobbli inkluż applikazzjonijiet;**
  - (iaa) biljetti elettroniċi u servizzi tal-biljetti elettroniċi;**
  - (ii) forniment ta' informazzjoni tas-servizz tat-trasport, inkluż informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali; jenħtieġ li, fir-rigward tal-iskrins tal-informazzjoni, dawn ikunu limitati għal skrins interattivi li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni; u**
  - (iii) it-terminals self-service interattivi li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, ħlief dawk installati bħala partijiet integrali minn<sup>24</sup>vetturi, inġenji tal-ajru, bastimenti u vetturi ferrovjarji użati fil-forniment ta' kwalunkwe parti minn dawn is-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri.**

[...]

**2b.(ġdid) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/21<sup>25</sup>.**

**6.(ġdid) Fir-rigward tas-siti web, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-kontenut li ġej:**

- (i) media temporali rrekordjata minn qabel ppubblikata qabel [id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva];**
- (ii) mapep online u servizzi ta' mappa,**
- (iii) kontenut ta' parti terza li la jkun ġiet iffinanzjat u lanqas żviluppat mill-fornitur tas-servizz inkwistjoni u li ma jkunx soġġett għall-kontroll tal-fornituri.**

**3. imħassar**

---

<sup>24</sup> It-test emendat għall-konsistenza.

<sup>25</sup> Ser tiġi sostitwita b'referenza għall-eCode meta jkun ġie adottat il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

4.(ġdid) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, inkluż id-Direttiva 2001/29/KE, [Direttiva ta' Marrakech (2016/0278 (COD)) u Regolament ta' Marrakech (2016/0279 (COD))]<sup>26</sup>, Direttiva dwar il-Kiri u s-Self 2006/115/KE, Direttiva dwar is-Softwer 2009/24/KE.

5.(ġdid) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-Unjoni li ġejja, inkluż dispożizzjonijiet relatati mal-aċċessibbiltà:

— Ir-Regolament (KE) 1371/2007<sup>27</sup>;

— Ir-Regolament (UE) 1300/2014<sup>28</sup>;

— Ir-Regolament (UE) 454/2011<sup>29</sup>;

— Ir-Regolament (UE) 181/2011<sup>30</sup>;

— Ir-Regolament (UE) 1177/2010<sup>31</sup>;

— Ir-Regolament (UE) 1107/2006<sup>32</sup> u

— Ir-Regolament (UE) 261/2004<sup>33</sup>;

---

<sup>26</sup> L-intenzjoni hija li jiġu inklużi l-"atti ta' Marrakech" jekk jiġu adottati qabel l-EAA. Jekk le, jista' jiġi nnotat li l-lista mhijiex komprensiva kif tidher mill-kelma "inkluż".

<sup>27</sup> <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX:32007R1371>

<sup>28</sup> <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32014R1300>

<sup>29</sup> <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32011R0454&from=MT>

<sup>30</sup> <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32011R0181>

<sup>31</sup> <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX:32010R1177>

<sup>32</sup> <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32006R1107>

<sup>33</sup> Regolament (UE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitiġu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1).

*Artikolu 2*  
*Definizzjonijiet*<sup>34</sup>

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) **imħassar**<sup>35</sup>
- (2) **imħassar**
- (2a) **"Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli" tfisser ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3 sa fejn dawn japplikaw għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 12.**
- (3) **imħassar**
- (4) "persuni b'diżabbiltà" **tfisser persuni** li għandhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensjorju fit-tul li, meta jinteraġixxi ma' diversi ostakli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni shiġha u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' ħaddieħor;
- (5) "prodott" tfisser sustanza, preparat jew oġġett, prodott permezz ta' proċess ta' manifattura, li ma jkunx ikel, għalf, pjanti jew annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini umana u prodotti tal-pjanti u tal-annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom;
- (8) "isir disponibbli fis-suq" tfisser kull forniment ta' prodott għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq tal-Unjoni tul attività kummerċjali, kemm jekk isir bi ħlas kif ukoll jekk ikun mingħajr ħlas;
- (9) "tqegħid fis-suq" tfisser li prodott isir disponibbli għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni;

---

<sup>34</sup> Fl-ordni li ġejja: definizzjonijiet ġenerali, prodotti b'mod ġenerali, is-servizzi b'mod ġenerali, definizzjonijiet ġenerali relatati ma' prodotti u servizzi, prodotti/servizzi individwali, ara l-Artikolu 1

<sup>35</sup> It-terminu "*prodotti u servizzi aċċessibbli*" mhuwiex użat fil-parti operattiva tat-test.

- (20) "irtirar" tfisser kull miżura maħsuba biex prodott fil-katina tal-provvista ma jitħallix isir disponibbli fis-suq;
- (10) "manifattur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat u li tikkummerċjalizzah f'isimha jew bit-trade mark tagħha;
- (11) "rappreżentant awtorizzat" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand il-manifattur sabiex taġixxi f'ismu b'rabta ma' kompiti speċifiċi;
- (12) "importatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (13) "distributtur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, barra l-manifattur jew l-importatur, li tagħmel prodott disponibbli fis-suq;
- (5a)(ġdid) "servizz" tfisser servizz fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/123/KE;<sup>36</sup>**
- (5b)(ġdid) "fornitur tas-servizz" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika li toffri jew li tipprovdi servizz li huwa dirett lejn is-suq tal-Unjoni. Fil-kuntest tal-kotba elettroniċi l-kunċett ta' fornitur tas-servizzi jista' jinkludi pubblikaturi u operaturi ekonomiċi oħra involuti fid-distribuzzjoni tagħhom;**
- (14) "operatur ekonomiku" tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributtur, **jew** il-fornitur tas-servizz;

---

<sup>36</sup> Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

(15) "konsumatur" tfisser kull persuna fiżika li tixtri l-prodott rilevanti jew li tirċievi s-servizz rilevanti għal finijiet li huma barra mill-kummerċ, min-negozju, mis-sengħa jew mill-professjoni tagħha;

**(15a)(ġdid)"intrapriżi żgħar u ta' daqs medju" (SMEs) tfisser il-kategorija ta' intrapriżi li jħaddmu inqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat totali li ma jaqbix EUR 50 miljun, u/jew total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbix EUR 43 miljun, iżda li teskludi l-mikrointrapriżi;**

(16) "mikrointrapriżi" tfisser intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li t-total tal-fatturat annwali u/jew tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbix EUR 2 miljun;

(17) "standard armonizzat" tfisser standard armonizzat kif definit fil-punt 1(c) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(18) "speċifikazzjonijiet tekniċi komuni" tfisser speċifikazzjoni teknika kif definit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li tipprovdi mezz biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli għal prodott jew servizz;

(19) **imħassar**

**(23b)(ġdid)"sistema ta' hardware tal-kompjuter bi skop ġenerali għall-konsumatur" tfisser taħlita ta' hardware li tiffurma kompjuter komplet, ikkaratterizzata min-natura multifunzjonali tagħha, il-kapaċità tagħha li twettaq, bis-software adatt, l-aktar kompiti informatiċi komuni mitluba mill-konsumaturi u bil-ħsieb li tiġi operata mill-konsumaturi; dan għandu jinkludi kompjuters personali, b'mod partikolari kompjuters desktop, notebooks, smartphones u tablets;**



**(23)(ġdid)"sistema operattiva" tfisser software, li fost l-oħrajn, jittratta l-interfaċċja għal hardware periferali, jiskeda kompiti, jalloka l-ħżin, u jippreżenta interfaċċja prestabbilita lill-utent meta l-ebda programm ta' applikazzjoni ma jkun qed jopera inkluż interfaċċja grafika tal-utent, sewwa jekk software bħal dan ikun parti integrali tal-hardware tal-kompjuter bi skop ġenerali għall-konsumatur, jew inkella software awtonomu li għandu jiġi operat fuq hardware tal-kompjuter bi skop ġenerali għall-konsumatur; madankollu ma għandhomx ifissru karigatur tas-sistema operattiva, sistema bażika ta' input/output jew firmware ieħor meħtieġ meta s-sistema tistartja jew meta tiġi installata s-sistema operattiva;**

**(23a)(ġdid)"tagħmir tat-terminal għall-konsumatur" tfisser prodott maħsub biex ikun konness mal-punt tat-terminazzjoni tan-netwerk minn konsumatur u li jista' jintuża' biex jaċċessa jew jagħti s-servizzi koperti minn din id-Direttiva;**

**(24)(ġdid)"kapaċità informatika interattiva" tfisser funzjonalità li tappoġġa interazzjoni bejn l-apparat u l-bniedem li tippermetti l-ipproċessar u t-trasmissjoni ta' data, vuċi u/ jew vidjo;**

(7) "servizzi tal-kommunikazzjoni elettronika" tfisser servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>;

**(7a-1)(ġdid)"komunikazzjoni ta' emerġenza" tfisser komunikazzjonijiet permezz ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali bejn utent aħħari u l-PSAP bil-għan li tintalab u tiġi riċevuta għajnuna ta' emerġenza mis-servizzi ta' emerġenza<sup>38</sup>;**

**(7a-2)(ġdid)"ċentru li jirċievi t-telefonati ta' emerġenza" (PSAP) tfisser post fiżiku fejn tasal l-ewwel komunikazzjoni ta' emerġenza, fir-responsabbiltà ta' awtorità pubblika jew ta' organizzazzjoni privata rikonoxxuta mill-Istat Membru<sup>39</sup>;**

---

<sup>37</sup> Ser jiġu sostitwiti b'referenza għall-eCode wara li jkunu ġew adottati l-Kodiċi Ewropew tal-Kommunikazzjonijiet Elettroniċi.

<sup>38</sup> Il-PRES tissuġġerixxi li dan jiġi sostitwit b'referenza għall-eCode jekk dak l-att jiġi adottat qabel l-EAA.

<sup>39</sup> Il-PRES tissuġġerixxi li dan jiġi sostitwit b'referenza għall-eCode jekk dak l-att jiġi adottat qabel l-EAA

**(7a-3)(ġdid)"servizz ta' emerġenza" tfisser servizz, rikonoxxut bħala tali mill-Istat Membru, li jipprovdi għajnuna immedjata u malajr meta jkun hemm, b'mod partikolari, riskju dirett għall-ħajja jew ta' ġrieħi gravi, għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-pubbliku jew ta' individwu, għall-proprjetà privata jew pubblika, jew għall-ambjent, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali<sup>40</sup>;**

**(7a-4) (ġdid) "test f'ħin reali" tfisser konverżazzjoni fl-għamla ta' test f'sitwazzjonijiet ta' punt għal punt jew f'konferenzjar multiplu fejn it-test li jiddaħħal jintbagħat b'tali mod li l-komunikazzjoni titqies mill-utent bħala kontinwa skont il-karattru;**

**(6) "servizzi tal-media awdjoviżiva" tfisser servizzi definiti fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;<sup>41</sup>**

**(6a)(ġdid)[**"servizzi li jipprovdu aċċess għal servizzi tal-media awdjoviżiva" tfisser servizzi trasmessi b'netwerks tal-komunikazzjoni elettronika li jintużaw biex tiġi identifikata, u tasal informazzjoni dwar, u biex wieħed jagħżel u jara servizzi tal-media awdjoviżiva u kwalunkwe miżura biex isiru aċċessibbli relatata kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/13/EU. Dawk is-servizzi li jipprovdu aċċess għal servizzi tal-media awdjoviżiva jistgħu jinkludu siti web, applikazzjonijiet online, applikazzjoni bbażata fuq set-top tat-televiżjoni, applikazzjonijiet li jistgħu jitniżżlu, servizzi bbażati fuq tagħmir tal-mobile inkluż applikazzjonijiet mobbli, u plejers tal-media relatati kif ukoll servizzi ta' televiżjoni konnessi. Huma għandhom jinkludu wkoll gwidi elettroniċi tal-programmi (EPGs). Dawn is-servizzi huma parti mis-servizzi tal-media awdjoviżiva li mhumiex regolati għall-aċċessibilità fid-Direttiva 201X/XXX li tirrevedi d-Direttiva 2010/13/KE. Ma għandhomx jinkludu servizzi tal-media awdjoviżiva regolati għall-aċċessibilità skont id-Direttiva 2010/13/UE]<sup>42</sup>;****

---

<sup>40</sup> Il-PRES tissuġġerixxi li dan jiġi sostitwit b'referenza għall-eCode jekk dak l-att jiġi adottat qabel l-EAA

<sup>41</sup> Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.04.2010, p. 1)

<sup>42</sup> Ir-referenzi għandhom jiġu verifikati fi żmien debitu.

- (6b)(ġdid)"tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva, użat biex jiġu aċċessati servizzi tal-media awdjoviżiva" tfisser kwalunkwe tagħmir li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jipprovdi aċċess għal servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2010/13/UE, xandiriet tat-televiżjoni kif definit fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva msemmija servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand kif definiti fl-Artikolu 1(g) tad-Direttiva msemmija u l-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva kif definit fl-Artikolu 1(h) tad-Direttiva msemmija;;**
- (25)(ġdid)"ktieb elettroniku u software iddedikat" tfisser servizz, li jikkonsisti mill-provvista ta' fajls diġitali li jagħtu verżjoni elettronika ta' ktieb, li jista' jiġi aċċessat, navigat, jinqara u jintuża u s-software inkluż applikazzjonijiet mobbli ddedikat għall-aċċess, in-navigazzjoni u l-qari u l-użu ta' daww il-fajls diġitali. M'għandhiex tinkludi software kopert bid-definizzjoni 25a(ġdid);**
- (25a)(ġdid)"qarrej elettroniku" tfisser tagħmir, li jinkludi kemm hardware u software, użat għall-aċċess, in-navigazzjoni, il-qari u l-użu ta' fajls ta' kotba elettroniċi;**
- (21) "servizzi ta' kummerċ elettroniku" tfisser servizz iprovdut mill-bogħod, permezz ta' siti web u applikazzjonijiet mobbli, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' konsumatur bl-għan li jiġi konkluż kuntratt tal-konsumatur;**
- (20a)(ġdid)"servizzi bankarji tal-konsumatur" tfisser il-forniment lill-konsumaturi tas-servizzi bankarji u finanzjarji li ġejjin, inkluż fejn provdut permezz ta' siti web u applikazzjonijiet mobbli: ftehimiet ta' kreditu koperti mid-Direttiva dwar il-Kreditur tal-Konsumatur (Direttiva 2008/48/KE) jew id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju (2014/17/UE); servizzi definiti fil-paragrafi 1-5 fit-Taqsima A u l-paragrafi 1, 2, 4 u 5 fit-Taqsima B fl-Anness I tad-Direttiva dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFIDII - 2014/65/KE); servizzi ta' pagament kif iddefiniti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (2015/2366/UE); u servizzi marbuta mal-kont ta' pagament kif definit fid-Direttiva dwar il-Kont ta' Pagament (2014/92/UE) u flus elettroniċi kif definit fid-Direttiva 2009/110/KE;**

**(20b)(ġdid)"terminal ta' pagament" tfisser tagħmir li l-għan ewlieni tiegħu jkun li jippermetti li jsiru pagamenti bl-użu ta' strumenti ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4 (14) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 2015/2366/UE f'punt ta' bejgħ fiżiku iżda mhux f'ambjent virtwali;**

**(7a)(ġdid)"servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru" tfisser servizzi kummerċjali tal-passiġġieri bl-ajru, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006, li jitilqu min, jivvjaġġaw jew meta jaslu fl-ajruport, meta l-ajruport ikun fit-territorju ta' Stat Membru. Għandha tinkludi titjiriet li jitilqu minn ajruport li jinsab f'pajjiż terz lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru fejn is-servizzi huma operati minn trasportaturi tal-UE;**

**(7b)(ġdid)"servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bil-karozza tal-linja" tfisser servizzi koperti bl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 181/2011;**

**(7c)(ġdid)"servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija" tfisser is-servizzi kollha tal-passiġġieri bil-ferrovija kif definiti fl-Artikolu 2(1), tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 bl-eċċezzjoni tas-servizzi definiti fl-Artikolu 2(2) tiegħu. Ma għandhiex tinkludi "servizzi urbani u suburbani" kif definiti fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2012/34 jew "servizzi reġjonali" kif definiti fl-Artikolu 3(7) ta' dik id-Direttiva;**

**(7d)(ġdid)"servizzi tat-trasport tal-passiġġieri fuq l-ilma" tfisser servizzi koperti bl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010. Ma għandhiex tinkludi servizzi koperti bl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament;**

**(27)(ġdid)"biljetti elettroniċi" tfisser kull sistema li fiha dritt ta' vvjaġġar, fil-forma ta' biljetti tal-ivvjaġġar singoli jew diversi, abbonamenti tal-ivvjaġġar jew kreditu tal-ivvjaġġar, ikun maħżun elettronikament fuq kard tat-trasport fiżika jew apparat ieħor, minflok ma jiġi stampat fuq biljett tal-karti;**

(28)(ġdid)"servizzi ta' ħruġ ta' biljetti elettroniċi" tfisser kull sistema li fiha biljetti tat-trasport tal-passiġġieri jinxtraw online inkluż billi jintuża apparat b'kapaċità informatika interattiva, u jitwasslu għand ix-xerrejja fil-forma elettronika, sabiex ikunu jistgħu jstampawhom fuq karta jew inkella juruhom fuq apparat mobbli b'kapaċità informatika interattiva meta jivvjaġġaw.

## KAPITOLU II

### REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBILITÀ U MOVIMENT LIBERU

#### *Artikolu 3*

#### *Rekwiżiti ta' aċċessibilità*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-**operaturi ekonomiċi jpoġġu fis-suq** prodotti u msemmija fl-Artikolu 1(1) **u jipprovdu biss** servizzi [...] msemmija fl-Artikolu [...] **1(2) li** jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità stabbiliti fl-Anness I skont il-paragrafi **2, 3 u 4** ta' dan l-Artikolu, **mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva.**
2. **Il-prodotti kollha elenkati fl-Artikolu 1(1) għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness I.**  
  
**Il-prodotti kollha msemmija fl-Artikolu 1(1), bl-eċċezzjoni tat-terminals self-service imsemmija fil-punt (b), għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima II tal-Anness I.**
3. **Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, is-servizzi kollha elenkati fl-Artikolu 1(2) għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima III u IV tal-Anness I.**

L-elementi tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma msemmija fl-Artikolu 1(2)(c) għandhom jikkonformaw biss mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness 1.

[...]

4. Il-mikrointrapriżi li joffru servizzi skont l-Artikolu 1(2) għandhom ikunu eżentati milli jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u minn kull obbligu relatat mal-konformità ma' daww ir-rekwiżiti.

5-10. imħassar

11.(ġdid) L-Istati Membri jistgħu jinformat lill-operaturi ekonomiċi bl-eżempji indikattivi ta' kif għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità tal-Anness I jew tar-riżultat mistenni mal-applikazzjoni tagħhom li tinsab fl-Anness Ia.

#### *Artikolu 3a (ġdid)*

##### *Il-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri*

1. Konformità mal-liġi eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport fir-rigward tal-forniment ta' informazzjoni aċċessibbli u tal-forniment ta' informazzjoni dwar l-aċċessibilità għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti korrispondenti f'din id-Direttiva. Il-liġi eżistenti tal-Unjoni inkwistjoni tkopri r-Regolament (UE) 1371/2007, ir-Regolament (UE) 1300/2014, ir-Regolament (UE) 181/2011, ir-Regolament (UE) 1177/2010, ir-Regolament (KE) 261/2004 u r-Regolament (KE) 1107/2006. Meta din id-Direttiva fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha tipprevedi rekwiżiti addizzjonali, dawn għandhom japplikaw b'mod sħiħ.

2. **Meta impriża ferrovjarja tikkonforma mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà relatati mas-sit web uffiċjali tagħha kif stabbilit fir-Regolament (UE) 454/2011, din għandha titqies konformi mad-dispożizzjonijiet korrispondenti f'din id-Direttiva. Siti web oħra tal-fornituri tas-servizzi tal-ferrovija użati minn konsumaturi għandhom ikunu konformi ma' din id-Direttiva.**
3. **Ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva għandhom ukoll japplikaw fejn il-liġi tal-Unjoni tagħmel referenza espliċita għal din id-Direttiva.**

#### *Artikolu 4*

#### *Moviment liberu*

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħhom, prodotti **jew il-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħhom** li jikkonformaw ma' din id-Direttiva għal raġunijiet relatati mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà. [...]

### **KAPITOLU III<sup>43</sup>**

#### **OBBLIGI TAL-OPERATORI EKONOMIĊI LI JITTRATTAW PRODOTTI**

#### *Artikolu 5*

#### *Obbligi tal-manifatturi*

1. Meta jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tfasslu u ġew immanifatturati skont ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli **stipulati f'konformità ma' din id-Direttiva.**
2. Il-manifatturi għandhom ifasslu d-dokumentazzjoni teknika skont l-Anness II u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilita f'dak l-Anness jew iqabbd u lil xi ħadd biex jagħmilha f'isimhom.

---

<sup>43</sup> Dan il-Kapitolu tqassam fi tlieta sabiex jiġi indikat b'mod ċar liema artikoli jittrattaw prodotti (5-10), servizzi (11) u kemm prodotti kif ukoll servizzi (12).

Fejn ikun intwera, permezz ta' dik il-proċedura, li prodott huwa konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u jwaħħlu t-tikketta CE.

**2a.(ġdid) Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE għal 5 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq.**

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkunu ġew stabbiliti proċeduri biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi. Għandhom jitqiesu b'mod adegwat it-tibdiliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-prodott u t-tibdiliet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità ta' prodott.
4. [...]
5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom fuqhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom jew, fejn id-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, l-informazzjoni meħtieġa għandha tingħata fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott.
6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trade mark irreġistrata u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-prodott jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. L-indirizz irid jindika punt uniku fejn il-manifattur jista' jiġi kkuntattjat. **Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.**
7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti aħħarin **oħra**, skont kif jiġi ddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. **Dawn l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni, kif ukoll kull tikkettar, għandhom ikunu ċari, jistgħu jinftiehem u intelliġibbli.**



8. Il-manifatturi li jqisu, jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, li prodott li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, jew jirtirawh, **jekk adatt [...]**. Barra minn hekk, meta l-prodott [...] **ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli**, il-manifatturi għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-prodott disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nonkonformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.
9. Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni **neċessarja** meħuda biex jiġi eliminat **in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli ta'** prodotti, li jkunu qiegħdu fis-suq, [...] **b'mod partikolari billi jgħibu l-prodotti** konformi mar-rekwiżiti **ta' aċċessibbiltà applikabbli [...]**.

#### *Artikolu 6*

#### *Rappreżentanti awtorizzati*

1. Manifattur jista', b'mandat bil-miktub, jaħtar rappreżentant awtorizzat. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u t-tfassil tad-dokumentazzjoni teknika ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.
2. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat għall-inqas li jagħmel dan li ġej:
- (aa)(ġdid) iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza għal perijodu ta' 5 snin;**

- (a) wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdli lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' prodott;
- (b) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta' kull azzjoni **neċessarja** meħuda biex jiġi eliminat **in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli [...]** ta' prodotti koperti mill-mandat tagħhom.

### *Artikolu 7*

#### *Obbligi tal-importaturi*

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq prodotti konformi biss.
2. Qabel ma jqiegħdu prodott fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun wettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilita fl-Anness II. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika mitluba minn dak l-Anness, li l-prodott ikollu fuqu t-tikketta CE u li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u li l-manifattur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(5) u (6).
3. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà **applikabbli [...]**, dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, meta prodott **ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli**; l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan.

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trade mark rreġistrata u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-prodott jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imbagg tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. **Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.**
5. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet u informazzjoni **dwar is-sikurezza** b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti aħħarin oħra, skont kif jiġi ddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat.
6. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li prodott ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew ta' trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà **applikabbli stipulati f'konformità ma' din id-Direttiva.**
7. [...]
- 7a.(ġdid) L-importaturi għandhom, għal perijodu ta' 5 snin, iżommu kopja tad-Dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun tista' ssir disponibbli għal dawk l-awtoritajiet fuq talba.**
8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li prodott li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' **din id-Direttiva** [...] għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott isir konformi, **jew** [...] jirtirawh [...]. Barra minn hekk, meta l-prodott [...] **ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli**, l-importaturi għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-prodott disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-**nonkonformità** u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

9. L-importaturi għandhom, wara li ssir talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni **neċessarja** meħuda biex tkun eliminata **n-nonkonformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli** ta' prodotti li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

#### *Artikolu 8*

##### *Obbligi tad-distributuri*

1. Meta prodott jitqiegħed fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.
2. Qabel ma prodott jitqiegħed fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-prodott ikollu fuqu t-tikketta CE, li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u minn struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti aħħarin oħra fl-Istat Membru fejn il-prodott ser jitqiegħed fis-suq u li l-manifattur u l-importatur jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(5) u (6) u fl-Artikolu 7(4).
3. Meta d-distributuri jqisu, jew ikollhom raġuni biex jemmnu, li prodott ma jkunx konformi ma' [...] **din id-Direttiva**, huma ma għandhomx iqiegħdu l-prodott fis-suq qabel ma dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, meta l-prodott [...] **ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli**, id-distributuri għandhom jinformaw lill-manifatturi u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar dan.
4. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, waqt li prodott ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew ta' trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' **aċċessibilità applikabbli** [...].

5. Id-distributuri li jqisu, jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, li l-prodott li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott isir konformi, **jew jekk xieraq jirtirawh [...].** Barra minn hekk, meta l-prodott **ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli**, id-distributuri għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamli l-prodott disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nonkonformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.
  
6. Id-distributuri għandhom, wara li ssir talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex juru l-konformità ta' prodott. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni **meħtieġa** meħuda biex tiġi eliminata **n-nonkonformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli** ta' prodott, li jkunu tqiegħdu fis-suq.

#### *Artikolu 9*

##### *Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u għad-distributuri*

L-importaturi jew id-distributuri għandhom jitqiesu bħala manifatturi għall-finijiet ta' din id-Direttiva u għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 5, fejn ikunu qiegħdu prodott fis-suq taħt isimhom jew bit-trade mark tagħhom, jew jimmodifikaw prodott li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

#### *Artikolu 10*

##### *Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi li jittrattaw prodotti*

1. L-operaturi ekonomiċi **msemmija fl-Artikoli 5 sa 8** għandhom, jekk jintalbu, jidentifikaw dan li ġej lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq:

- (a) l-operaturi ekonomiċi kollha li jkunu pprovdulhom prodott;
  - (b) l-operaturi ekonomiċi kollha li huma jkunu pprovdew bi prodott.
2. L-operaturi ekonomiċi **msemmija fl-Artikoli 5 sa 8** għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal perijodu ta' **5** snin wara li jkunu ġew fornuti bil-prodott u għal perijodu ta' **5** snin wara li jkunu pprovdew il-prodott.

### **KAPITOLU IIIA**

#### **OBBLIGI TAL-OPERATORI EKONOMIĊI LI JFORNU SERVIZZI**

##### *Artikolu 11*

##### *Obbligi tal-fornituri tas-servizzi*

1. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li jfasslu u jipprovdu s-servizzi skont l-Artikolu 3.
2. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jippreparaw l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness III fejn jispjegaw kif is-servizzi jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità **applikabbli** [...]. L-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku f'format bil-miktub u bil-fomm, inkluż b'mod li jkun aċċessibbli [...] għall-persuni b'diżabbiltà. Il-fornituri tas-servizzi għandhom iżommu l-informazzjoni sakemm ikun qed jitħaddem is-servizz.

3. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27a(ġdid)** il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri [...] **sabiex** [...] il-provvista ta' servizzi tibqa' konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà **applikabbli** [...]. It-tibdil fil-karatteristiċi tal-forniment tas-servizz [...], it-tibdil fir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà **applikabbli** [...] **u t-tibdil fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li b'referenza għalihom is-servizz jiġi ddikjarat li jissodisfa r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà** għandhom jitqiesu b'mod xieraq mill-fornituri tas-servizz. F'każ ta' nonkonformità, il-fornituri tas-servizzi għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex iġibu s-servizz konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà **applikabbli** [...].
4. Il-fornituri tas-servizzi għandhom, wara li ssir talba mmotivata minn awtorità kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tas-servizz mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà **applikabbli** [...]. Dawn għandhom jikkooperaw ma' dawk l-awtoritajiet, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex is-servizz isir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti. **Barra minn hekk, meta s-servizz ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli, il-fornituri tas-servizzi għandhom jinformaw minnufih b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn is-servizz huwa fornut, u jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.**

**KAPITOLU III B**  
**TRASFORMAZZJONI FUNDAMENTALI TA' PRODOTTI JEW SERVIZZI U PIŻ**  
**SPROPORZJONAT GĦALL-OPERATURI EKONOMIĊI**

*Artikolu 12<sup>44</sup>*

*Trasformazzjoni fundamentali u piż sproporzjonat*

1. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3 japplikaw sa fejn dawn ma jintroduċux bidla sinifikanti f'[...]prodott jew servizz li jirriżulta fi trasformazzjoni tan-natura bażika tal-prodott jew tas-servizz.
2. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3 japplikaw sa fejn dawn ma jimponux piż sproporzjonat fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati.
5. Il-valutazzjoni dwar jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fir-rigward ta' prodotti jew servizzi [...] timponix trasformazzjoni sostanzjali jew piż sproporzjonat, għandha titwettaq **u tiġi ddokumentata** mill-operatur ekonomiku. **L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-operaturi ekonomiċi jwettqu din il-valutazzjoni qabel ma jużaw l-eċċezzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 għal prodott jew servizz speċifiku.**
4. **L-operaturi ekonomiċi li l-piż tagħhom marbut mal-aċċessibbiltà huwa kkumpensat minn finanzjament assenjat speċifikament biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà minn sorsi oħra minbarra r-riżorsi proprji tal-operatur ekonomiku, kemm pubbliċi kif ukoll privati, ma jistgħux isostnu li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3 jimponu piż sproporzjonat fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati.**

---

<sup>44</sup> In-numerazzjoni tal-paragrafi nżammet għalkemm l-ordni tal-paragrafi ġie mibdul.



3. Sabiex jivvalutaw jekk il-konformità ma' rekwiżit ta' aċċessibbiltà wieħed jew aktar fir-rigward ta' **prodott jew servizz** [...] tkunx timponi piż sproporzjonat, l-operaturi ekonomiċi għandhom iqisu **l-punti ta' riferiment stipulati fl-Anness IV**. Meta jwettaq u jiddokumenta l-valutazzjoni dwar jekk ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà jimponux piż sproporzjonat, l-operatur ekonomiku għandu jagħmel valutazzjoni ġenerali billi juża l-punti ta' riferiment rilevanti identifikati fl-Anness IV.
- (3c)(ġdid) Il-fornituri ta' servizzi li jistrieħu fuq il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom, fir-rigward ta' kull kategorija jew tip ta' servizz, iġeddu l-valutazzjoni tagħhom tal-piż sproporzjonat mill-inqas kull ħames snin, jew meta ssir it-trasformazzjoni tal-prodott jew meta jintalbu jagħmlu dan minn awtorità ta' sorveljanza nazzjonali.
6. Meta l-operaturi ekonomiċi jkunu użaw l-eċċezzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 għal prodott jew servizz [...] speċifiku huma għandhom [...], **fuq talba ta' awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu l-valutazzjoni msemija fil-paragrafu 5**. Għal dan il-għan, huma għandhom iżommu d-dokumentazzjoni kollha rilevanti għal perijodu ta' 5 snin wara li l-aħħar ikunu qiegħdu prodott disponibbli fis-suq tal-Unjoni jew għal perijodu ta' 5 snin wara li jkun ġie pprovdut servizz.

Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-mikrointrapriżi jużaw l-eċċezzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2 għal prodott speċifiku, ma jeħtieġx li huma jistabbilixxu evidenza bil-miktub tal-valutazzjoni msemija fil-paragrafu 3 sakemm ma jkunx mitlub minn awtorità nazzjonali kompetenti. Fuq talba bħal din fil-perijodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, huma għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bil-fatti li abbażi tagħhom ġie deċiż li l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rigward ċerti prodotti twassal għal trasformazzjoni fundamentali jew timponi piż sproporzjonat.

7.(ġdid) Meta, wara l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jiġi konkluż li jkun jikkostitwixxi piż sproporzjonat fuq il-fornituri tas-servizzi li jużaw terminals self-service biex jiżguraw li t-terminals kollha bħal dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 3, għandu jiġi vvalutat ukoll jekk l-aċċessibbiltà tas-servizz tistax tiġi żgurata b'mod li ma jkunx sproporzjonat permezz tad-disponibbiltà ta' għadd aktar limitat ta' terminals self-service aċċessibbli.

#### KAPITOLU IV

### STANDARDS ARMONIZZATI U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI KOMUNI TA' PRODOTTI U SERVIZZI

#### *Artikolu 13*

#### *Preżunzjoni ta' konformità*

1. Il-prodotti u s-servizzi li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 3.

#### *Artikolu 14*

#### *Speċifikazzjonijiet tekniċi komuni*

1. Meta l-ebda referenza għall-istandards armonizzati ma tkun ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, u fejn ikunu jinħtieġu, għall-armonizzazzjoni tas-suq, aktar dettalji dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' ċerti prodotti u servizzi, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni ("STK") għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2) ta' din id-Direttiva.

2. Il-prodotti u s-servizzi li jikkonformaw mas-STK imsemmija fil-paragrafu 1, jew ma' partijiet minnhom, għandhom jitqiesu li jkunu konformi ma' rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemija fl-Artikolu 3, koperti minn dawk is-STK jew minn partijiet minnhom.

## KAPITOLU IVA KONFORMITÀ TAL-PRODOTTI U T-TIKKETTA CE

### *Artikolu 15*

#### *Dikjarazzjoni tal-UE ta' konformità tal-prodotti*

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li jkun intwera l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti msemija fl-Artikolu 3. Meta tkun intużat l-eċċezzjoni stipulata fl-Artikolu 12, id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara liema rekwiżiti ta' aċċessibbiltà huma suġġetti għal dik l-eċċezzjoni.
2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura mudell stabbilita fl-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. Għandu jkun fiha l-elementi speċifikati fl-Anness II ta' din id-Direttiva u għandha tiġi aġġornata kontinwament. [...] Għandha tiġi tradotta fil-lingwa jew fil-lingwi mitluba mill-Istat Membru li fis-suq tiegħu jitqiegħed jew isir disponibbli l-prodott.
3. Meta prodott ikun soġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li jeżiġi dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, għandha titfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE waħda fir-rigward ta' dawn l-atti kollha tal-Unjoni. Dik id-dikjarazzjoni għandu jkollha l-identifikazzjoni tal-atti kkonċernati inkluż ir-referenzi tal-pubblikazzjoni.
4. Meta jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur ikun qed jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodott **mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.**

## *Artikolu 16*

### *Prinċipji ġenerali tat-tikketta CE tal-prodotti*

It-tikketta CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artiklu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

### *Artikolu 16a (ġdid)*

#### *Regoli u kondizzjonijiet għat-twaħħal tat-tikketta CE*

- 1. It-tikketta CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġibbli u indelibbli mal-prodott jew mal-pjanċa tad-data tiegħu. Fejn dan mhuwiex possibbli jew ma jkunx iġġustifikat minħabba n-natura tal-prodott, għandha titwaħħal mal-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjawh.**
- 2. It-tikketta CE għandha titwahhal qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq.**
- 3. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-reġim li jirregola t-tikketta CE u għandhom jieħdu azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux korrett ta' dik it-tikketta.**

## KAPITOLU V<sup>45</sup>

### SORVELJANZA TAS-SUQ TAL-PRODOTTI U PROĊEDURA TA' SALVAGWARDJA TAL-UNJONI

#### *Artikolu 17*

#### *Sorveljanza tas-suq tal-prodotti*

1. **L-Artikoli 15(3) u 16 sa 19, 21, 23 sa 28 u 29(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom japplikaw għall-prodotti.**
2. **Fit-twettiq tas-sorveljanza tal-prodotti, l-awtoritajiet rilevanti tas-sorveljanza tas-suq għandhom, meta l-operatur ekonomiku jkun uża l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva u fejn meħtieġ u xieraq, jivverifikaw li l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 tkun twettqet mill-operatur ekonomiku, jirrieżaminaw dik il-valutazzjoni u r-riżultati tagħha, inkluż l-użu korrett tal-indikaturi ta' referenza stipulati fl-Anness IV, u jqabblu li tkun saret f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli.**
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni miżmuma minn awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar il-konformità tal-operaturi ekonomiċi bir-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli [...] u l-valutazzjoni tal-eċċezzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 12, issir disponibbli lill-konsumaturi fuq talba u f'format aċċessibbli, ħlief meta din l-informazzjoni ma tkunx tista' tingħata għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kif stipulat fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

---

<sup>45</sup> Il-Kapitolu għe maqsum fi tnejn biex jiġu separati s-sorveljanza tal-prodotti u dik tas-servizzi.

## Artikolu 19

### Proċedura **fil-livell nazzjonali** għat-trattament ta' prodotti li **mhum iex konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli**

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed [...] ikollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li prodott kopert minn din id-Direttiva **ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità applikabbli** [...], dawn għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mal-prodott ikkonċernat li jkopri r-rekwiżiti **ta' aċċessibilità applikabbli** kollha stabbiliti f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **għal dak l-għan**.

Meta, matul dik l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, huma għandhom mingħajr dewmien jesiġu li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-azzjonijiet korrettivi xierqa kollha biex il-prodott isir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti [...] f'perijodu ta' żmien raġonevoli [...], li jikkorrispondi man-natura tan- **nuqqas ta' konformità**, kif jista' jkun preskritt minnhom.

**L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jeħtieġu li l-operatur ekonomiku rilevanti jirtira l-prodott mis-suq, f'perijodu ta' żmien addizzjonali raġonevoli biss, jekk l-operatur ekonomiku jkun naqas milli jieħu l-azzjoni korrettiva adegwata fil-perijodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu.**

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija fit-tieni **u t-tielet subparagrafi**.

2. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità mhuwiex ristrett biss għat-territorju nazzjonali tagħhom, dawn għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u dwar l-azzjonijiet li huma talbu biex jittieħdu mill-operaturi ekonomiċi.

3. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi xierqa kollha fir-rigward tal-prodotti kkonċernati kollha li huma jkunu qiegħdu fis-suq fl-Unjoni kollha.
4. Meta l-operaturi ekonomiċi rilevanti ma jieħdux azzjoni korrettiva xierqa fil-perijodu ta' żmien imsemmi fit-**tielet** subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri proviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-prodotti li jkunu qed isiru disponibbli fis-swieq nazzjonali tagħhom **jew** biex jirtiraw il-prodott minn dak is-suq [...]. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dawk il-miżuri.
5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-prodott mhux konformi, l-oriġini tal-prodott, in-natura tal-allegata nuqqas ta' konformità u [...] **r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li l-prodott ma jikkonformax magħhom**, in-natura u t-tul tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu u l-argumenti mressqa mill-operaturi ekonomiċi rilevanti. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex dovut għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  - (a) In-nuqqas li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti **ta' aċċessibbiltà applikabbli [...]**, jew
  - (b) in-nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 13 **jew in-nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni msemmija fl-Artikolu 14** li jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità.

6. L-Istati Membri, għajr l-Istat Membru li jkun beda l-proċedura, għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull miżura adottata u dwar kull informazzjoni addizzjonali li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' konformità tal-prodott ikkonċernat, u, jekk ma jaqblux mal-miżura nazzjonali notifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.
7. Meta, fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la minn Stat Membru u lanqas mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura proviżorja meħuda minn Stat Membru, il-miżura għandha titqies bħala waħda iġġustifikata.
8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri restrittivi xierqa fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, bħall-irtirar tal-prodott mis-suq tagħhom, mingħajr dewmien.

#### *Artikolu 20*

##### *Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni*

1. Jekk wara t-tlestija tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19(3) u (4), jitressqu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġislazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tikkonsulta mal-Istati Membri u mal-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali hijiex iġġustifikata jew le.

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti.



2. Jekk il-miżura nazzjonali titqies iġġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-prodott li ma jkunx konformi jiġi irtirat mis-suq tagħhom, u għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma tkunx iġġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-miżura.
3. Meta l-miżura nazzjonali titqies iġġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott ikun dovut għal nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 19(5)(b), il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.
- 4.(ġdid) Fejn il-miżura nazzjonali titqies li hija ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott jiġi attribwit għan-nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 19(5), il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tadotta att ta' implimentazzjoni li jemenda jew iħassar l-ispeċifikazzjoni komuni kkonċernata. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).**

*Artikolu 20a ġdid*

*Nuqqas ta' konformità formali*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, meta Stat Membru jasal għal xi waħda mill-konklużjonijiet li ġejjin, huwa għandu jesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jtemm in-nuqqas ta' konformità kkonċernat:
  - (a) it-tikketta CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tal-Artikolu 16a (ġdid) ta' din id-Direttiva;
  - (b) it-tikketta CE ma tkunx twaħhlet;
  - (c) id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE ma tkunx tfasslet;
  - (d) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx tfasslet b'mod korrett;

- (e) id-dokumentazzjoni teknika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompleta;
- (f) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(6) jew fl-Artikolu 7(4) tkun nieqsa, falza jew mhux kompleta;
- (g) kwalunkwe rekwiżit amministrattiv ieħor previst fl-Artikolu 5 jew fl-Artikolu 7 ma jkunx sodisfatt.

2. Fejn jipersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi li l-prodott jitqiegħed fis-suq jew jiżgura li dan jiġi rtirat mis-suq.

## KAPITOLU V A KONFORMITÀ-TAS-SERVIZZI

### *Artikolu 18*

#### *Konformità tas-servizzi*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jaġġornaw perġodikament proċeduri adegwati sabiex:
  - (a) jiċċekkjaw il-konformità tas-servizzi elenkati fl-Artikolu 1(2) mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, **inkluż** il-valutazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 12 li għalihom għandu japplika wkoll l-Artikolu 17(2) **mutatis mutandis**;
  - (b) isegwu l-ilmenti jew ir-rapporti dwar kwistjonijiet relatati man-nonkonformità tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 1(2) mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità stabbiliti fl-Artikolu 3;
  - (c) jivverifikaw li l-operaturi ekonomiċi jkunu hađu l-azzjoni korrettiva meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet **għall-konformità tas-servizzi** responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jkun informat bl-eżistenza, bir-responsabbiltajiet u bl-identità tal-awtoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu. Dawk l-awtoritajiet għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli f'formati aċċessibbli fuq talba.

## **KAPITOLU VI**

### **REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBILITÀ F'LEĠISLAZZJONI OĦRA TAL-UNJONI**

#### *Artikolu 21*

*Applikabbiltà tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità għal atti oħra tal-Unjoni*

**imħassar**

#### *Artikolu 22*

*Piż sproporzjonat*

**imħassar**

#### *Artikolu 23*

*Speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għal atti oħra tal-Unjoni*

**imħassar**

**KAPITOLU VII**  
**[...] <sup>46</sup> DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 24*  
*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 25*  
*Infurzar*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva.
2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:
  - (a) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-konsumatur jista' jieħu azzjoni skont il-liġi nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jiġu rispettati;
  - (b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet privati, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali oħra li għandhom interess leġittimu, li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma rispettati, jistgħu **jieħdu azzjoni [...]**skont il-liġi nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti f'isem **jew b'appoġġ għal ilmentatur, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u/jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva [...]**.

---

<sup>46</sup> Modifika tal-ġuristi-lingwisti

## Artikolu 26

### Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati.
2. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. **Huma għandhom ikunu adegwati fir-rigward tan-natura tal-ksur u għaċ-ċirkostanzi.**
3. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.
4. Il-penali għandhom iqisu l-livell ta' nonkonformità, inkluż l-għadd ta' unitajiet tal-prodotti jew tas-servizzi li mhumiex konformi kkonċernati, kif ukoll l-għadd ta' persuni affettwati.

## Artikolu 27

### Traspożizzjoni<sup>47</sup>

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa [... *daħħal id-data - tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*] [...], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw **immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri** lill-Kummissjoni [...].
2. Għandhom japplikaw dawk **il-miżuri** minn [... *daħħal id-data - sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].

---

<sup>47</sup> Bidliet għal dan l-Artikolu isegwu l-formulazzjoni standard fil-Manwal Konġunt.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw **dawk il-miżuri**, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.
4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.
5. **imħassar**

*Artikolu 27a (ġdid)*

*Miżuri tranżitorji*

1. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jipprevedu perijodu tranżitorju ta' [5] snin wara d-data msemija fl-Artikolu 27(2) ta' din id-Direttiva li matulu l-fornituri tas-servizzi jkunu jistgħu jkomplu jipprovdu s-servizzi tagħhom bl-użu ta' prodotti li kienu ntużaw legalment minnhom biex jipprovdu servizzi simili qabel dik id-data. Kuntratti ta' servizz magħluqa qabel id-data msemija fl-Artikolu 27(2) ta' din id-Direttiva jistgħu jibqgħu mhux mittiefsa sakemm jiskadu.**
2. **L-Istati Membri għandhom jipprevedu li terminals self-service użati legalment minn fornituri tas-servizzi fil-provvista ta' servizzi qabel id-data msemija fl-Artikolu 27(2) ta' din id-Direttiva jistgħu jintużaw fil-provvista ta' dak is-servizz sakemm ma jġugx sostitwiti jew sa tmiem il-ħajja ekonomika tagħhom, iżda mhux aktar tard minn 20 sena.**

*Artikolu 28*

*Rapport u rieżami*

Sa [... *daħħal id-data - ħames snin wara l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*], u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

1. Ir-rapport għandu, fost l-oħrajn, jindirizza fid-dawl tal-iżviluppi soċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi, l-evoluzzjoni tal-aċċessibilità ta' prodotti u ta' servizzi, **il-lock-in teknoloġiku, l-ostakli għall-innovazzjoni** u l-impatt fuq l-operaturi ekonomiċi, u **fuq** persuni b'diżabbiltà, filwaqt li jidentifika meta jkun possibbli, l-oqsma għal tnaqqis tal-piż, bl-għan li jivvaluta l-ħtieġa ta' rieżami ta' din id-Direttiva. **Ir-rapport għandu jevalwa wkoll l-effetti tal-funzjonament tas-suq intern tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva u l-eżenzjoni tal-mikrointrapriżi li jipprovdu servizzi.**
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni fi żmien xieraq l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tfassal rapport bħal dan.
3. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jqis l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati ekonomiċi u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, inkluż l-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà[...].

#### *Artikolu 29*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 30*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi [...],

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*

Il-President Il-President

**REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBBILTÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3 GĦAL  
PRODOTTI U SERVIZZI<sup>48</sup>**

**TAQSIMA I: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBBILTÀ ĠENERALI RELATATI MAL-  
PRODOTTI KOLLHA KOPERTI MINN DIN ID-DIRETTIVA F'KONFORMITÀ MAL-  
ARTIKOLU 1(1)**

Il-prodotti jridu jkunu ddisinjati u prodotti b'tali mod li jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'diżabbiltà u għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni aċċessibbli dwar il-funzjonament tagħhom u dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibilità tagħhom.

**1. Rekwiżiti dwar l-għoti ta' informazzjoni**

(a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija) għandha tkun:

- (i) magħmula disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed;
- (ii) ippreżentata b'mod li jinftiehem<sup>49</sup>;
- (iii) ippreżentata lill-utenti b'mod li huma jistgħu jipperċepixxu;
- (iv) ippreżentata b'font ta' daqs u tip adegwati, li jqisu kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi;

(b) l-istruzzjonijiet tal-prodott għall-użu li ma jkunux mogħtija fuq il-prodott innifsu iżda jkunu disponibbli permezz tal-użu tal-prodott jew b'mezzi oħra bħal sit web, inkluż il-funzjonijiet tal-aċċessibilità tal-prodott, l-attivazzjoni tagħhom u l-interoperabbiltà tagħhom b'soluzzjonijiet ta' assistenza għandhom:

- (i) jiġi magħmula disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed;
- (ii) ikunu ppreżentati b'mod li jinftiehem<sup>50</sup>;
- (iii) ikunu ppreżentata lill-utenti b'mod li huma jistgħu jipperċepixxu;
- (iv) ikunu ppreżentata b'font ta' daqs u sura adegwati, li jqisu kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi;

<sup>48</sup> In-numerazzjoni tal-Anness I u l-Anness Ia saret konsekuttiva.

<sup>49</sup> (Nota ta' informazzjoni, li għandha titħassar mit-test finali: Kif definit fi WCAG 2.0, li jirreferi wkoll għalih l-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015–04) 'Rekwiżiti ta' aċċessibilità adatti għall-akkwist pubbliku ta' prodotti tal-ICT u servizzi fl-Ewropa'.)

<sup>50</sup> Ibid.



- (v) rigward il-kontenut, dan għandu jkun magħmul disponibbli f'formati tat-test li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati ta' assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed, u
- (vi) ikollhom magħhom preżentazzjoni alternattiva ta' kwalunkwe kontenut mhux testwali;
- (vii) jinkludu deskrizzjoni tal-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontroll u feedback, input u output) mogħtija f'konformità mas-subtaqsima 2;
- (viii) jinkludu deskrizzjoni tal-funzjonalità tal-prodott li tingħata permezz ta' funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà, f'konformità mas-subtaqsima 2;
- (ix) jinkludu deskrizzjoni tal-interfaċċjar tas-software u l-hardware tal-prodott ma' tagħmir ta' assistenza.

## 2. Interfaċċja tal-utent u disinn tal-funzjonalità:

Il-prodott, inkluż l-interfaċċja tal-utent tiegħu, għandu jkun fih karatteristiċi, elementi u funzjonijiet, li jippermettu lill-persuni b'diżabbiltà jaċċessaw, jipperċepixxu, joperaw, jifhmu u jikkontrollaw il-prodott billi jiġi żgurati li:

- (a) meta l-prodott jipprevedi komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni, operazzjoni, informazzjoni, kontroll u orjentazzjoni interpersonali, huwa għandu jagħmel dan permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; dan għandu jinkludi l-provvista ta' alternattivi għall-elementi tal-vista, tas-smigħ, tad-diskors u tal-mess;
- (b) meta l-prodott juża d-diskors, huwa għandu jipprovdi alternattivi għad-diskors u l-input bil-vuċi għall-komunikazzjoni, il-kontroll operazzjonali u l-orjentazzjoni;
- (c) meta l-prodott juża elementi viżwali, dan għandu jipprevedi tkabbir, dija u kuntrast flessibbli għall-komunikazzjoni, l-informazzjoni u l-użu, kif ukoll jiżgura l-interoperabbiltà mal-programmi u l-apparati ta' assistenza biex tiġi nnavigata l-interfaċċja;
- (d) meta l-prodott juża l-kulur biex iwassal informazzjoni, jindika azzjoni, jitlob risposta jew jidentifika elementi, huwa għandu jipprovdi alternattiva għall-kulur;
- (e) meta l-prodott juża sinjali li jinstemgħu biex jagħti informazzjoni, jindika azzjoni, jitlob risposta jew jidentifika elementi, huwa għandu jipprovdi alternattiva għas-sinjali li jinstemgħu;

- (f) meta l-prodott juża elementi viżwali, huwa għandu jipprevedi modi flessibbli biex titjeb iċ-ċarezza tal-viżjoni;
- (g) Meta l-prodott juża l-awdjo, huwa għandu jipprevedi kontroll mill-utent tal-volum u l-veloċità, u karatteristiċi akustiċi msaħħa inkluż it-tnaqqis ta' sinjali awdjo ta' interferenza minn prodotti fil-madwar u ċ-ċarezza tal-awdjo;
- (h) meta l-prodott jeħtieġ operazzjoni u kontroll manwali, huwa għandu jipprevedi kontroll sekwenzjali u alternattivi għal kontroll ta' ċaqliq żgħir, jevita l-ħtieġa ta' kontrolli simultanji għall-manipulazzjoni, u għandu juża partijiet identifikabbli bil-mess;
- (i) Il-prodott għandu jevita modi ta' operazzjoni li jeħtieġu moviment estensiv jew saħħa kbira;
- (j) il-prodott għandu jevita li jinstiga reazzjonijiet fotosensittivi;
- (k) il-prodott għandu jipproteġi l-privatezza tal-utenti meta dawn jużaw l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà;
- (l) il-prodott għandu jipprovdi alternattiva għall-identifikazzjoni u l-kontroll bijometriku;
- (m) il-prodott għand jiżgura konsistenza tal-funzjonalità u jipprovdi biżżejjed żmien flessibbli għall-interazzjoni;
- (n) il-prodott għandu jipprovdi software u hardware għall-interfaċċa b'teknoloġija ta' assistenza;
- (o) il-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur li ġejjin:
  - (i) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva, użat għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika:
    - għandu, meta prodotti bħal dawn ikollhom l-kapaċità tat-test flimkien mal-vuċi, jipprevedi ttrattar ta' test f'ħin reali;
    - għandu, meta jkollu kapaċitajiet viżivi flimkien jew f'kombinazzjoni ma' test u vuċi, jipprevedi t-trattament ta' konverżazzjoni totali inkluż vuċi sinkronizzata, test f'ħin reali, u vidjo
    - għandu jevita interferenzi ma' apparati ta' assistenza.
  - (ii) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva użat għal servizzi tal-media awdjoviżiva:
    - għandu jagħmel disponibbli l-komponenti dwar l-aċċessibbiltà pprovvuti mill-fornitur tas-servizzi tal-media awdjoviżiva lill-persuni b'diżabbiltà, għall-aċċess, l-għażla, il-kontroll u l-personalizzazzjoni u t-trasmissjoni għal apparat ta' assistenza.

**TAQSIMA II: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBBILTÀ RELATATI MAL-PRODOTTI  
FL-ARTIKOLU 1(1), BL-EĊĊEZZJONI TAT-TERMINALS SELF-SERVICE IMSEMMIJA  
FL-ARTIKOLU 1(1)(B)**

Minbarra t-Taqsima I, l-imballaġġ u l-istruzzjonijiet tal-prodotti koperti minn din it-Taqsima, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'diżabbiltà, għandhom isiru aċċessibbli. Dan għandu jfisser li:

- (a) l-imballaġġ tal-prodott, inkluż l-informazzjoni pprovduta fih (pereżempju dwar kif jinftaħ, jingħalaq, jintuża, jintrema) inkluż, fejn provduta, informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott, għandhom isiru aċċessibbli;
- (b) l-istruzzjonijiet dwar l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li ma jkunux provduti fuq il-prodott innifsu iżda jkunu disponibbli permezz ta' mezzi oħra bħal sit web għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:
  - (i) ikunu disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed;
  - (ii) ikunu ppreżentati b'mod li jinftiehem<sup>51</sup>;
  - (iii) ikunu ppreżentata lill-utenti b'mod li huma jistgħu jipperċepixxu;
  - (iv) jużaw fonts ta' daqs u sura adegwati, li jqisu kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi;
  - (v) il-kontenut tal-istruzzjonijiet għandu jsir disponibbli f'formati tat-test li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati ta' assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed, u
  - (vi) istruzzjonijiet li fihom kwalunkwe kontenut mhux testwali għandhom ikunu akkumpanjati minn preżentazzjoni alternattiva ta' dak il-kontenut.

---

<sup>51</sup> (Nota ta' informazzjoni, li għandha titħassar mit-test finali: Kif definit fi WCAG 2.0, li jirreferi wkoll għalih l-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015–04) 'Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà adatti għall-akkwist pubbliku ta' prodotti tal-ICT u servizzi fl-Ewropa'.)

**TAQSIMA III: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBILITÀ ĠENERALI RELATATI MAS-SERVIZZI KOLLHA KOPERTI MINN DIN ID-DIRETTIVA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 1(2)**

Il-provvista ta' servizzi sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'diżabbiltà, għandha titwettaq billi:

- (a) tiġi żgurata l-aċċessibilità tal-prodotti użati fil-fornimenti tas-servizz, f'konformità mat-Taqsima I ta' dan l-Anness, u fejn applikabbli, it-Taqsima II tiegħu.
- (b) tingħata informazzjoni dwar il-funzjonament tas-servizz, u fejn jintużaw il-prodotti fil-forniment tas-servizz, ir-rabta tiegħu ma' dawn il-prodotti kif ukoll informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibilità u l-interoperabbiltà tagħhom ma' apparat u faċilitajiet ta' assistenza:
  - (i) l-informazzjoni issir disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed;
  - (ii) il-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'mod li jinftiehem<sup>52</sup>;
  - (iii) l-informazzjoni tkun ippreżentata lill-utenti b'mod li huma jistgħu jipperċepixxu;
  - (iv) il-kontenut tal-informazzjoni jsir disponibbli f'formati ta' test li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati alternattivi ta' assistenza li għandhom ikunu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed;
  - (v) l-użu ta' fonts ta' daqs u sura adegwati, li jqisu kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi;
  - (vi) kwalunkwe kontenut mhux testwali jiġi ssupplimentat bi preżentazzjoni alternattiva ta' dak il-kontenut u;
  - (vii) il-provvista ta' informazzjoni elettronika meħtieġa fl-għoti ta' servizz b'mod konsistenti u adegwat billi tagħmlu perċettibbli, operabbli, jinftiehem u robust.
- (c) is-siti web, inkluż l-applikazzjonijiet online marbuta magħhom u s-servizzi bbażati fuq tagħmir mobbli inkluż applikazzjonijiet tal-mobile jsiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat billi jsiru perċettibbli, operabbli, jinftiehem u robusti.

---

<sup>52</sup> (Nota ta' informazzjoni, li għandha titħassar mit-test finali: Kif definit fi WCAG 2.0, li jirreferi wkoll għalih l-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015–04) 'Rekwiżiti ta' aċċessibilità adatti għall-akkwist pubbliku ta' prodotti tal-ICT u servizzi fl-Ewropa'.)

**TAQSIMA IV: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBBILTÀ ADDIZZJONALI RELATATI MA' SERVIZZI SPEĊIFIĊI:**

Il-provvista ta' servizzi biex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'diżabbiltà, għandha titwettaq billi jiġu inklużi funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u trasformazzjonijiet fl-użu tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà:

**(i) Komunikazzjoni elettronika u komunikazzjoni ta' emerġenza billi:**

- 1. Il-forniment ta' test f'ħin reali minbarra komunikazzjoni bil-vuċi;**
- 2. Il-forniment ta' konverżazzjoni sħiħa fejn il-vidjo huwa provdut minbarra komunikazzjoni bil-vuċi;**
- 3. Jiġi żgurat li l-komunikazzjoni ta' emerġenza li tuża l-vuċi, it-test (inkluż test f'ħin reali) u l-vidjo, fejn provduti, tkun sinkronizzata bħala konverżazzjoni totali u trażmessa minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika lill-PSAP maħsub biex tingħata risposta għal dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni.**

**(ii) Servizzi li jipprovdu aċċess għal Servizzi ta' Media Awdjoviżiva:**

- 1. [Il-forniment ta' Gwidi tal-Programmi Elettroniċi li huma perċettibbli, operabbli, jinftiehm u robusti u jipprovdu informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-aċċessibbiltà,];**
- 2. Li jiġi żgurat li l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizzi tal-media awdjoviżiva kif imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/13/UE huma trasmessi b'mod sħiħ bi kwalità adegwata biex jintwerew b'mod preċiż, ikunu sinkronizzati bil-ħoss u l-vidjo, u jippermettu kontroll mill-utent tal-wiri u l-użu tagħhom.**

**(iii) Il-kotba elettroniċi billi:**

- 1. Jiġi żgurat li meta ktieb elettroniku jkun fih awdjo minbarra test, dan imbagħad jipprovdi test u awdjo sinkronizzati;**
- 2. Jiġi żgurat li fajls diġitali tal-ktieb elettroniku ma jżommux lit-teknoloġija ta' assistenza milli topera tajjeb;**
- 3. Jiġi żgurat aċċess għall-kontenut, in-navigazzjoni tal-kontenut tal-fajl, it-tqassim inkluż it-tqassim dinamiku, il-forniment tal-istruttura, il-flessibilità u l-għażla fil-preżentazzjoni tal-kontenut;**

4. Jiġi żgurat li dawn jinstabu billi tiġi provduta informazzjoni permezz ta' metadata dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibilità tagħhom;
5. Jiġi żgurat li miżuri ta' Ġestjoni ta' Drittijiet Diġitali ma jimblokkawx fatturi ta' aċċessibilità.

**(iv) Kummerċ elettroniku billi:**

1. Tingħata l-informazzjoni rigward l-aċċessibilità tal-prodotti u s-servizzi mibjugħa meta din l-informazzjoni tkun pprovduta mill-operatur ekonomiku responsabbli;
2. Jiġi żgurat li l-aċċessibilità tal-funzjonalità għall-identifikazzjoni, is-sigurtà u l-pagament meta jitwasslu bħala parti mis-servizz minflok ta' prodott billi jkunu perċettibbli, operabbli, jinftiehm u robusti;
3. Jingħataw metodi ta' identifikazzjoni, firem elettroniċi, u servizzi ta' pagament li huma perċettibbli, operabbli, jinftiehm u robusti.

**(v) Is-servizzi bankarji billi:**

1. Jingħataw metodi ta' identifikazzjoni, firem elettroniċi, u servizzi ta' pagament li huma perċettibbli, operabbli, jinftiehm u robusti.

***TAQSIMA V: REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TA' AĊĊESSIBILITÀ MARBUTA MAT-TWEGĪB TA' TELEFONATI LIN-NUMRU UNIKU EWROPEW TAL-EMERĠENZA 112:***

[...]

**EŻEMPJI INDIKATTIVI TA' KIF IR-REKWIŻITI TAL-AĊĊESSIBILITÀ FL-ANNEX I  
JISTGĦU JIĠU OSSERVATI, EŻEMPJI TA' RIŻULTATI LI GĦANDHOM JINKISBU;  
JEW TA' ELEMENTI TA' DAWN L-EŻEMPJI**

**TAQSIMA I: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBILITÀ ĠENERALI RELATATI MAL-  
PRODOTTI KOLLHA KOPERTI MINN DIN ID-DIRETTIVA F'KONFORMITÀ MAL-  
ARTIKOLU 1(1)**

Il-prodotti jridu jkunu ddisinjati u prodotti b'tali mod li jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'diżabbiltà u għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni aċċessibbli dwar il-funzjonament tagħhom u dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibilità tagħhom.

1. Eżempji ta' kif ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità relatati mal-forniment ta' informazzjoni jistgħu jiġu osservati
  - (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissijiet) għandha:
    - (i) issir disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed (pereżempju billi tingħata informazzjoni viżwali u bil-mess jew informazzjoni viżwali u li tinstema' li tindika l-post fejn tiġi introdotta kard f'Terminal Self Service sabiex persuni għomja u torox ikunu jistgħu jużawha);
    - (ii) tkun ippreżentata b'mod li jinftiehem<sup>53</sup> (pereżempju bl-użu tal-istess kliem b'mod konsistenti, jew bi struttura ċara u loġika, sabiex il-persuni b'diżabbiltà intelletwali jkunu jistgħu jifhmuha aħjar);
    - (iii) ippreżentata lill-utenti b'mod li jistgħu jipperċepixxu (pereżempju billi jiġi pprovdut format ta' riljiev għall-mess jew ħoss flimkien ma' twissija testwali sabiex il-persuni għomja jkunu jistgħu jipperċepixxuha);

---

<sup>53</sup> (Nota ta' informazzjoni, li għandha titħassar mit-test finali: Kif definit fi WCAG 2.0, li jirreferi wkoll għalih l-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015–04) 'Rekwiżiti ta' aċċessibilità adatti għall-akkwist pubbliku ta' prodotti tal-ICT u servizzi fl-Ewropa'.)

- (iv) ippreżentata b'fonts ta' daqs u tip adegwati, li jqisu kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi; (pereżempju biex it-test ikun jista' jinqara minn persuni b'vista batuta);
- (b) l-istruzzjonijiet tal-prodott għall-użu li ma jkunux mogħtija fuq il-prodott innifsu iżda jkunu disponibbli permezz tal-użu tal-prodott jew b'mezzi oħra bħal sit web, inkluż il-funzjonijiet tal-aċċessibbiltà tal-prodott, l-attivazzjoni ta' għom u l-interoperabbiltà ta' għom b'soluzzjonijiet ta' assistenza għandhom:
- (i) isiru disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed (pereżempju jiġu pprovduti fajls elettroniċi li jistgħu jinqraw minn kompjuter bl-użu ta' qarreja tal-iskrin sabiex il-persuni għomja jkunu jistgħu jużaw l-informazzjoni);
- (ii) isiru ppreżentati b'mod li jinftiehem<sup>54</sup> (pereżempju bl-użu tal-istess kliem b'mod konsistenti, jew billi tiġi ppreżentata struttura ċara u loġika għall-informazzjoni sabiex il-persuni b'diżabbiltà intelletwali jkunu jistgħu jifhmuha aħjar);
- (iii) ikunu ppreżentati lill-utenti b'mod li jistgħu jipperċepixxu (pereżempju fil-forma ta' sottotitoli meta jiġi pprovdut l-istruzzjonijiet permezz ta' vidjo);
- (iv) ikunu ppreżentati bl-użu ta' daqs u tip adegwat ta' fonts li jqisu l-kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi (pereżempju biex it-test ikun jista' jinqara minn persuni b'vista batuta);
- (v) fir-rigward tal-kontenut, dan isir disponibbli f'formati ta' test li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati alternattivi ta' assistenza li għandhom ikunu ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed (pereżempju jkunu stampati bil-Braille, sabiex persuna għomja tkun tista' taqrahom), u
- (vi) ikunu akkumpanjati bi preżentazzjoni alternattiva ta' kwalunkwe kontenut mhux testwali (pereżempju, dijagramma tkun akkumpanjata b'test deskrittiv li jidentifika l-elementi ewlenin jew jiddeskrivi l-azzjonijiet prinċipali).

---

<sup>54</sup> Ibid.



- (vii) jinkludu deskrizzjoni tal-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontroll u feedback, input u output) mogħtija f'konformità mas-subtaqsima 2.
- (viii) jinkludu deskrizzjoni tal-funzjonalità tal-prodott li tingħata permezz ta' funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltà, f'konformità mas-subtaqsima 2.
- (ix) jinkludu deskrizzjoni tal-interfaċċjar tas-software u l-hardware tal-prodott ma' apparati ta' assistenza (pereżempju jkunu inklużi socket u software f'ATM li jippermettu li titqabbad kuffja li tirċievi t-test fuq l-iskrin fil-forma ta' ħoss).

**2. Eżempji ta' kif ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità relatati mal-interfaċċja tal-utent u mad-disinn tal-funzjonalità jistgħu jiġu osservati:**

Il-prodott, inkluż l-interfaċċja tal-utent tiegħu, għandu jkun fih karatteristiċi, elementi u funzjonijiet, li jippermettu lill-persuni b'diżabbiltà jaċċessaw, jipperċepixxu, joperaw, jifhmu u jikkontrollaw il-prodott.

- (a) meta l-prodott jipprevedi komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni, operazzjoni, informazzjoni, kontroll u orjentazzjoni interpersonali, huwa għandu jagħmel dan permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; dan għandu jinkludi l-forniment ta' alternattivi għall-elementi tal-vista, is-smiġh, id-diskors u l-mess (pereżempju billi jingħataw struzzjonijiet fil-forma ta' ħoss jew test, jew jiġu inkorporati sinjali bil-mess f'tastiera, sabiex persuni għomja jew li jbatu biex jisimgħu jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-prodott);
- (b) meta l-prodott juża d-diskors, huwa għandu jipprovdi alternattivi għad-diskors u l-input bil-vuċi għall-komunikazzjoni, l-użu, il-kontroll u l-orjentazzjoni (pereżempju terminal self-service li joffri struzzjonijiet mitkellma għandu joffrihom ukoll, pereżempju, permezz ta' test jew immaġnijiet sabiex persuni torox ikunu jistgħu jwettqu wkoll l-azzjoni meħtieġa);
- (c) meta l-prodott juża elementi viżwali, dan għandu jipprevedi tkabbir, dija u kuntrast flessibbli għall-komunikazzjoni, l-informazzjoni u l-użu, kif ukoll jiżgura l-interoperabbiltà mal-programmi u l-apparati ta' assistenza biex tiġi nnavigata l-interfaċċja (pereżempju billi jkun possibbli għall-utenti li jkabbru t-test,

jizzumjaw fuq pittogramma partikolari jew iżidu l-kuntrast sabiex il-persuni b'vista batuta jkunu jistgħu jipperċepixxu l-informazzjoni);

- (d) meta l-prodott juża l-kulur biex iwassal informazzjoni, jindika azzjoni, jitlob risposta jew jidentifika elementi, huwa għandu jipprovdi alternattiva għall-kulur (pereżempju, minbarra li tingħata għażla li tingħafas il-buttuna l-ħadra jew il-ħamra biex tintgħażel opzjoni, l-opzjonijiet jistgħu wkoll ikunu miktuba fuq il-buttuni, sabiex persuna li ma tagħrafx il-kuluri tkun tista' tagħżel);
- (e) meta l-prodott juża sinjali li jinstemgħu biex iwassal informazzjoni, jindika azzjoni, jitlob risposta jew jidentifika elementi, dan għandu jipprovdi alternattiva għas-sinjali li jinstemgħu (pereżempju, meta kompjuter jagħti sinjal ta' żball, jista' wkoll jipprovdi test bil-miktub jew immaġni li tindika l-iżball, sabiex jippermetti persuni torox jintebħu li qed iseħħ żball);
- (f) meta l-prodott juża elementi viżwali jew awdjo, huwa għandu jipprevedi modi flessibbli ta' titjib fiċ-ċarezza tal-viżjoni u l-awdjo (pereżempju jista' jippermetti li jkun hemm kuntrast addizzjonali fl-immaġnijiet ta' quddiem sabiex persuni li għandhom viżjoni batuta jkunu jistgħu jarawhom);
- (g) meta l-prodott juża l-awdjo, huwa għandu jipprevedi kontroll mill-utent tal-volum u l-veloċità, u karatteristiċi akustiċi msaħħa inkluż it-tnaqqis ta' sinjali awdjo ta' interferenza minn prodotti fil-madwar (pereżempju billi jippermetti lill-utent ta' telefon li jagħżel il-volum tal-ħoss u jnaqqas l-interferenza b'apparati tas-smiġh sabiex persuni li jbatu mis-smiġh ikunu jistgħu jużaw it-telefon);

- (h) meta l-prodott jeħtieġ użu u kontroll manwali, huwa għandu jipprevedi kontroll sekwenzjali u alternattivi għal kontroll ta' ċaqliq żgħir, jevita l-ħtieġa ta' kontrolli simultanji għall-manipulazzjoni, u għandu juża partijiet identifikabbli bil-mess (pereżempju billi l-buttni tal-iskrin tal-mess ikunu ikbar u separati sew sabiex persuni bir-roġha jkunu jistgħu jagħfsuhom);
- (i) il-prodott għandu jevita modi ta' użu li jirrikjedi firxa ta' moviment u saħħa kbira (pereżempju billi jiġi żgurat li l-buttni li għandhom jiġu magħfusa ma jirrikjedux wisq saħħa sabiex il-persuni li għandhom indebolimenti motorji jkunu jistgħu jużawhom);
- (j) il-prodott għandu jevita li jinstiga reazzjonijiet fotosensittivi (pereżempju billi jiġu evitati immaġnijiet iteptu sabiex persuni li jaqbadhom tali reazzjonijiet ma jkunux f'riskju);
- (k) il-prodott għandu jiproteġu l-privatezza tal-utenti meta jintużaw il-fatturi ta' aċċessibilità (pereżempju billi jkun possibbli l-użu ta' kuffja meta tingħata informazzjoni mitkellma minn ATM);
- (l) il-prodott għandu jipprovdi alternattiva għall-identifikazzjoni u l-kontroll bijometriku (pereżempju, bħala alternattiva għall-qari tal-marki tas-swaba', ikun possibbli għal utenti li ma jistgħux jużaw idejhom li jagħżlu password biex isakkru jew jiftħu l-apparat telefoniku);
- (m) il-prodott għandu jiżgura konsistenza tal-funzjonalità u jipprovdi biżżejjed ħin flessibbli għall-interazzjoni (pereżempju, jiġi billi jiġi żgurat li s-software jirreaġixxi b'mod prevedibbli meta ssir azzjoni partikolari u jingħata ħin biżżejjed biex tiddaħħal il-password sabiex ikun faċli biex jintuża minn persuni b'diżabbiltajiet intellettuali);
- (n) il-prodott għandu jipprovdi software u hardware għall-interfaċċja b'teknoloġiji ta' assistenza (pereżempju, billi joffri konnessjoni ma' wiri bil-Braille li jkun jista' jiġġedded sabiex persuni għomja jkunu jistgħu jużaw il-kompjuter);

**(o) il-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur li ġejjin:**

**(i) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva, użat għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika:**

- għandu, meta prodotti b'hal dawn ikollhom l-kapaċità tat-test flimkien mal-vuċi, jipprevedi ttrattar ta' test f'ħin reali (pereżempju telefon ċellulari għandu jkun kapaċi jimmaniġġa konverżazzjonijiet f'ħin reali sabiex persuni li jbatu mis-smiġh ikunu jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni b'mod interattiv);
- għandu, meta jkollu kapaċitajiet viżivi flimkien jew f'kombinazzjoni ma' test u vuċi, jipprevedi t-trattament ta' konverżazzjoni totali inkluż vuċi sinkronizzata, test f'ħin reali, vidjo;
- għandu jevita interferenza ma' apparati ta' assistenza (pereżempju billi jippermetti l-użu simultanju ta' vidjo biex jintwerew il-lingwa tas-sinjali u t-test biex jinkiteb messaġġ, sabiex żewġ persuni torox ikunu jistgħu jikkomunikaw bejniethom jew ma' persuna li tisma').

**(ii) tagħmir tat-terminals għall-konsumatur b'kapaċità informatika interattiva użat għal servizzi tal-media awdjoviżiva:**

- għandu jagħmel disponibbli l-komponenti dwar l-aċċessibilità pprovduti mill-fornitur tas-servizzi tal-media awdjoviżiva lill-persuni b'diżabbiltà, għall-aċċess, l-għażla, il-kontroll u l-personalizzazzjoni mill-utent u għat-trasmissjoni għal apparati ta' assistenza (pereżempju billi jiżgura li s-sottotitoli huma trażmessi permezz tal-kaxxa tad-dekoder għall-użu tagħhom minn persuni torox).

**TAQSIMA II: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBBILTÀ MARBUTA MA' PRODOTTI FL-ARTIKOLU 1(1), BL-EĊĊEZZJONI TAT-TERMINALS SELF-SERVICE IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(1)(B)**

Eżempji ta' kif ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà relatati mal-imballaġġ u l-istruzzjonijiet jistgħu jiġu osservati:

- (a) l-imballaġġ tal-prodott inkluż l-informazzjoni pprovduta fih (pereżempju dwar kif jinfetħ, jingħalaq, jintuża, jintrema) inkluż, fejn provduta, informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott għandu jkun aċċessibbli (pereżempju fl-imballaġġ jiġi indikat li l-apparat telefoniku jinkludi elementi ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà);
- (b) l-istruzzjonijiet dwar l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li ma jkunux provduti fuq il-prodott innifsu iżda jkunu disponibbli permezz ta' mezzi oħra bħal sit web għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej, li jistgħu jiġu osservati kif muri bl-eżempji elenkati għal kull punt hawn taħt:
  - (i) ikunu disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed (pereżempju billi jiġu pprovduti fajls elettroniċi li jistgħu jinqraw minn kompjuter bl-użu ta' qarrejja tal-iskrin sabiex il-persuni għomja jkunu jistgħu jużaw l-informazzjoni);
  - (ii) ikunu ppreżentati b'mod li jinftiehem<sup>55</sup> (pereżempju bl-użu tal-istess kliem b'mod konsistenti, jew billi tiġi ppreżentata struttura ċara u loġika għall-informazzjoni sabiex il-persuni b'diżabbiltà intellettuali jkunu jistgħu jifhmu aħjar l-informazzjoni);

---

<sup>55</sup> (Nota ta' informazzjoni, li għandha titħassar mit-test finali: Kif definit fi WCAG 2.0, li jirreferi wkoll għalih l-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015–04) 'Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà adatti għall-akkwist pubbliku ta' prodotti tal-ICT u servizzi fl-Ewropa'.)

- (iii) ikunu ppreżentati lill-utenti b'mod li jistgħu jipperċepixxu (pereżempju billi jiġi pprovdut format ta' riljiev għall-mess jew ħoss meta tkun preżenti twissija testwali sabiex il-persuni għomja jirċievu t-twissija);**
- (iv) jużaw daqs u forma adegwati li jqisu l-kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi (pereżempju biex it-test ikunu jista' jinqara minn persuni b'vista batuta);**
- (v) il-kontenut tal-istruzzjonijiet għandu jsir disponibbli f'formati ta' test li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati alternattivi ta' assistenza li għandhom ikunu ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed (pereżempju jkun stampat bil-Braille, sabiex persuna għamja tkun tista' taqrah), u**
- (vi) struzzjonijiet bi kwalunkwe kontenut mhux testwali għandhom ikunu akkumpanjati minn preżentazzjoni alternattiva ta' dak il-kontenut (pereżempju billi tiġi supplementata dijagramma b'deskrizzjoni testwali li tidentifika l-elementi ewlenin jew li tiddekrivi l-azzjonijiet ewlenin).**

**TAQSIMA III: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBBILTÀ ĠENERALI RELATATI MAS-SERVIZZI  
KOLLHA KOPERTI MINN DIN ID-DIRETTIVA F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 1(2)**

Eżempji ta' kif ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli għall-forniment ta' servizzi jistgħu jiġu osservati sabiex ikun immassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b' diżabbiltà:

- (a) Tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-prodotti li jużaw fil-forniment tas-servizz, f'konformità mat-Taqsima I ta' dan l-Anness, u fejn applikabbli, it-Taqsima II tiegħu.
- (b) Tingħata informazzjoni dwar il-funzjonament tas-servizz, u fejn jintużaw il-prodotti fil-forniment tas-servizz, ir-rabta tiegħu ma' dawn il-prodotti kif ukoll informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà tagħhom ma' apparat u faċilitajiet ta' assistenza permezz ta' dawn li ġejjin:
  - (i) L-informazzjoni ssir disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed (pereżempju jiġu pprovduti fajls elettroniċi li jistgħu jinqraw minn kompjuter bl-użu ta' qarreja tal-iskrin sabiex il-persuni għomja jkunu jistgħu jużaw l-informazzjoni);
  - (ii) Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni b'mod li jinftiehem<sup>56</sup> (pereżempju bl-użu tal-istess kliem b'mod konsistenti, jew billi tiġi ppreżentata struttura ċara u loġika għall-informazzjoni sabiex il-persuni b' diżabbiltà intelletwali jkunu jistgħu jifhmu aħjar l-informazzjoni);
  - (iii) Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti b'modi li jistgħu jipperċepixxu (pereżempju bl-inklużjoni ta' sottotitoli meta jiġi pprovdut vidjo bl-istruzzjonijiet);
  - (iv) L-informazzjoni ssir disponibbli f'formati ta' test li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati alternattivi ta' assistenza li għandhom ikunu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed (pereżempju biex persuna għamja tkun tista' tuża fajl billi tistampah bil-Braille);

<sup>56</sup> (Nota ta' informazzjoni, li għandha titħassar mit-test finali: Kif definit fi WCAG 2.0, li jirreferi wkoll għalih l-istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015–04) 'Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà adatti għall-akkwist pubbliku ta' prodotti tal-ICT u servizzi fl-Ewropa'.)

- (v) **L-użu ta' daqs u tip adegwat ta' fonts li jqisu l-kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu u billi jintuża biżżejjed kuntrast, kif ukoll spazjar aġġustabbli bejn l-ittri, il-linji u l-paragrafi(pereżempju biex it-test ikun jista' jinqara minn persuni b'vista batuta);**
  - (vi) **Kwalunkwe kontenut mhux testwali jkun supplementat bi preżentazzjoni alternattiva ta' dak il-kontenut (pereżempju dijagramma tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni testwali li tidentifika l-elementi ewlenin jew li tiddeskrivi l-azzjonijiet ewlenin) u;**
  - (vii) **Tingħata informazzjoni elettronika, meħtieġa fil-forniment tas-servizz b'mod konsistenti u adegwat billi ssir perçettibbli, operabbli, tinftiehem u robusta (għal pereżempju, meta fornitur ta' servizz joffri USB-key b'informazzjoni dwar is-servizz, dik l-informazzjoni jeħtieġ li tkun aċċessibbli).**
- (c) **Siti web u servizzi bbażati fuq apparat ta' telefonija mobbli, inkluż applikazzjonijiet mobbli, isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat billi jsiru perçettibbli, operabbli, jinftiehem u robusti (pereżempju, billi tingħata deskrizzjoni testwali tal-istampi, issir disponibbli l-funzjonalità kollha minn tastiera, jingħata biżżejjed ħin lill-utenti biex jaqraw, il-kontenut jintwera u jopera b'mod prevedibbli, tiġi pprovduta kompatibbiltà ma' teknoloġiji ta' assistenza, sabiex persuni b'diversi diżabbiltajiet ikunu jistgħu jaqraw is-sit web u jinteraġixxu miegħu).**



**TAQSIMA IV: REKWIŻITI TA' AĊĊESSIBILITÀ ADDIZZJONALI RELATATI MA' SERVIZZI SPEĊIFIĊI:**

**Eżempji ta' kif ir-rekwiżiti marbuta ma' servizzi speċifiċi jistgħu jiġu osservati:**

**(i) Komunikazzjoni elettronika u komunikazzjoni ta' emerġenza:**

- 1. Jiġi pprovdut test f'ħin reali minbarra komunikazzjoni bil-vuċi (pereżempju biex persuna li tbatu mis-smiġ tkun tista' tikteb u tirċievi test b'mod interattiv u f'ħin reali);**
- 2. Tiġi pprovduta konverżazzjoni sħiħa fejn jiġi pprovdut vidjo minbarra komunikazzjoni bil-vuċi (pereżempju biex persuni torox ikunu jistgħu jużaw il-lingwa tas-sinjali biex jikkomunikaw bejniethom);**
- 3. Jiġi żgurat li fil-komunikazzjoni ta' emerġenza li tuża l-vuċi, it-test (inkluż it-test f'ħin reali) u l-vidjo, meta pprovduti, ikunu sinkronizzati bħala konverżazzjoni totali u trasmessa permezz tal-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika lill-PSAP maħsub biex jirrispondi għal dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni (pereżempju biex persuna li għandha indeboliment fid-diskors jew fis-smiġ u li tagħżel li tuża taħlita ta' test, vuċi u vidjo, tkun taf li l-komunikazzjoni hija trasmessa fin-netwerk lil servizz ta' emerġenza)**

**(ii) Servizzi li jipprovdu aċċess għal Servizzi ta' Media Awdjoviżiva:**

- 1. [Il-forniment ta' Gwidi tal-Programmi Elettroniċi li huma perċettibbli, operabbli, jinftiehm u robusti u li jipprovdu informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-aċċessibbiltà,] (pereżempju biex persuna għamja tkun tista' tagħżel programmi fuq it-TV);**

2. **Li jiġi żgurati li l-karatteristiċi ta' aċċessibilità tas-servizzi tal-media awdjoviżiva kif imsemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/13/UE huma trasmessi b'mod sħiħ bi kwalità adegwata biex jintwerew b'mod preċiż, u sinkronizzati bil-ħoss u l-vidjo, waqt li jippermettu kontroll mill-utent tal-wiri u l-użu tagħhom (pereżempju billi jiġi żgurati li s-sottotitoli jew l-awdjo deskrittivi huma trasmessi b'kontenut tal-media awdjoviżiva).**

**(iii) Kotba elettroniċi:**

1. **Jiġi żgurati li, meta ktieb elettroniku jkollu awdjo flimkien mat-test dan imbagħad jipprovdi test u awdjo sinkronizzati (pereżempju biex persuna b'dyslexia tkun tista' taqra u tisma' t-testi fl-istess ħin);**
2. **Jiġi żgurati li fajls diġitali ta' kotba elettroniċi ma jipprevjenux teknoloġija ta' assistenza milli topera tajjeb (pereżempju billi jkun jista' jsir test sinkronizzat mal-awdjo jew traskrittivi li tiġġedded bil-Braille;**
3. **Jiġi żgurati aċċess għall-kontenut, in-navigazzjoni tal-kontenut tal-fajl, it-tqassim (inkluż it-tqassim dinamiku), il-forniment tal-istruttura, il-flessibilità u l-għażla fil-preżentazzjoni tal-kontenut (pereżempju biex persuna għamja tista' taċċessa l-indiċi jew tbiddel il-kapitli);**
4. **Jagħmluhom b'mod li jistgħu jiġu skoperti billi tingħata informazzjoni permezz ta' metadata dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibilità tagħhom (pereżempju billi jiġi żgurati li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibilità tagħhom tkun disponibbli fil-fajl elettroniku sabiex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jiġu infurmati);**
5. **Jiġi żgurati li miżuri ta' Ġestjoni tad-Drittijiet Diġitali ma jimblokkawx fatturi ta' aċċessibilità (pereżempju billi jiġi żgurati li m'hemm l-ebda mblukkar biex it-test jinqara b'vuċi għolja biex persuni utenti għomja jkunu jistgħu jaqraw il-ktieb).**

**(iv) Kummerè elettroniku billi:**

- 1. Tingħata informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-prodotti u s-servizzi li qed jinbiegħu meta din l-informazzjoni tingħata mill-operatur ekonomiku responsabbli (pereżempju billi ma titħassarx l-informazzjoni disponibbli dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà ta' prodott);**
- 2. Tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-funzjonalità għall-identifikazzjoni, is-sigurtà u l-pagament meta jiġu pprovduti bħala parti minn servizz (minflok ta' prodott) billi ssir aktar perċettibbli, operabbli, tinftiehem u robusta (pereżempju billi l-interfaċċja tal-utent għas-servizz ta' pagament issir disponibbli bil-leħen biex persuni għomja jkunu jistgħu jixtru online b'mod indipendenti);**
- 3. Jiġu pprovduti metodi ta' identifikazzjoni, firem elettroniċi u servizzi ta' pagament li huma perċettibbli, operabbli, jinftiehem u robusti (pereżempju billi d-djalogi ta' identifikazzjoni fuq skrin ikunu jistgħu jinqraw minn qarreja tal-iskrin biex persuni għomja jkunu jistgħu jużawhom).**

**(v) Servizzi bankarji:**

- 1. Jiġu pprovduti metodi ta' identifikazzjoni, firem elettroniċi, sistemi ta' pagament li huma perċettibbli, operabbli, jinftiehem u robusti (pereżempju d-djalogi ta' identifikazzjoni fuq skrin ikunu jistgħu jinqraw minn qarreja tal-iskrin biex persuni għomja jkunu jistgħu jużawhom).**

***TAQSIMA V: REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TA' AĊĊESSIBBILTÀ MARBUTA MAT-TWEĠIB TA' TELEFONATI LIN-NUMRU UNIKU EWROPEW TAL-EMERĠENZA 112:***

**[...]**

**PROCEDURIA TA' VALUTAZZJONI TA' KONFORMITÀ - PRODOTTI****1. Il-kontroll intern tal-produzzjoni**

[...]Il-kontroll intern tal-produzzjoni huwa l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3 u 4, u jiżgura u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu, li l-prodotti [...] kkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti xierqa ta' din id-Direttiva.

**2. Id-dokumentazzjoni teknika**

Il-manifatturi għandhom jistabbilixxu d-dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni għandha tagħmilha possibbli li tiġi vvalutata l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti msemmija fl-Artikolu 3 u, f'każ li l-manifattur uża l-eċċezzjoni stipulata fl-Artikolu 12, li juru li r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti jkun jimponu tibdil fundamentali jew piż sproporzjonat. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika biss ir-rekwiżiti applikabbli u tkopri, sakemm ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u t-tħaddim tal-prodott.

Kull fejn applikabbli, id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha għall-inqas l-elementi li ġejjin:

- (a) deskrizzjoni ġenerali tal-prodott.
- (b) elenku tal-istandards armonizzati u/jew tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra rilevanti, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, applikati kompletament jew parzjalment, u deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati għall-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti msemmija fl-Artikolu 3 jekk dawk l-istandards armonizzati ma jkunux ġew applikati; fil-każ ta' standards armonizzati applikati parzjalment, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika l-partijiet li ġew applikati.

### 3. **Il-manifattura**

Il-manifatturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-proċess ta' manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-prodotti mad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 2 u mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' din id-Direttiva.

### 4. **It-tikketta ta' konformità u d-dikjarazzjoni ta' konformità**

4.1. Il-manifatturi għandhom jwaħħlu t-tikketta CE msemmija f'din id-Direttiva ma' kull prodott individwali li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' din id-Direttiva.

4.2. Il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub għal mudell ta' prodott. Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha tidentifika l-prodott li għalih tkun tfasslet.

Meta ssir talba għaliha, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità lill-awtoritajiet rilevanti.

### 5. **Ir-rappreżentant awtorizzat**

L-obbligi **tal-manifatturi** stabbiliti fil-punt 4 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tagħhom, f'isimhom u taħt ir-responsabbiltà tagħhom, dment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

---

**INFORMAZZJONI DWAR IS-SERVIZZI LI JISSODISFAW IR-REKWIŻITI TA'  
AĊĊESSIBILITÀ**

1. Il-fornituri tas-servizz għandhom jinkludu fit-termini u fil-kondizzjonijiet ġenerali, jew f'dokument ekwivalenti, l-informazzjoni li tivvaluta kif is-servizz jissodisfa r-rekwiżiti ta' aċċessibilità fl-**Artikolu 3**. L-informazzjoni għandha tiddekrivi r-rekwiżiti applikabbli u tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn u l-operazzjoni tas-servizz. Minbarra r-rekwiżiti tal-informazzjoni għall-konsumaturi tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>57</sup>, l-informazzjoni għandha tinkludi, fejn applikabbli, tal-inqas l-elementi li ġejjin:
  - (a) deskrizzjoni ġenerali tas-servizz f'formati aċċessibbli;
  - (b) deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet neċessarji biex wieħed jifhem l-operazzjoni tas-servizz;
  - (c) deskrizzjoni ta' kif ir-rekwiżiti tal-aċċessibilità rilevanti stabbiliti fl-Anness I huma ssodisfati mis-servizz.
  
2. Sabiex jikkonformaw mal-punt 1, il-fornituri tas-servizz jistgħu japplikaw kompletament jew parzjalment l-istandards armonizzati u/jew speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
  
3. Il-fornituri tas-servizz għandhom jipprovdu l-informazzjoni li turi li l-proċess ta' forniment tas-servizz u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tas-servizz mal-punt 1 u mar-rekwiżiti applikabbli ta' din id-Direttiva.

---

<sup>57</sup> Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p.64).

**IL-VALUTAZZJONI TAL-PIŻ SPROPORZJONAT**

**Punti ta' riferiment biex titwettaq u tiġi ddokumentata l-valutazzjoni:**

- 1. Il-proporzjon bejn l-ispiża netta tal-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità u l-ispiża globali (infiq operattiv u kapitali) tal-manifattura, id-distribuzzjoni u l-importazzjoni tal-prodott jew biex jiġi offrut is-servizz għall-operaturi ekonomiċi;**

**Elementi li jistgħu jintużaw biex tiġi valutata l-ispiża netta ta' konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità:**

- a) kriterji relatati ma' spejjeż organizzattivi ta' darba biex fil-valutazzjoni jittieħed kont ta':**

- **l-ispejjeż relatati ma' riżorsi umani addizzjonali b'għarfien espert dwar l-aċċessibilità**
- **l-ispiża relatata mat-taħriġ tar-riżorsi umani u biex jinkisbu kompetenzi dwar l-aċċessibilità**
- **l-ispiża tal-iżvilupp ta' proċess ġdid biex tiġi inkluża l-aċċessibilità fl-iżvilupp tal-prodott jew fil-forniment tas-servizz.**
- **spejjeż relatati mal-iżvilupp ta' materjal ta' gwida dwar l-aċċessibilità**
- **spejjeż ta' darba biex ikun hemm għarfien tajjeb tal-leġislazzjoni dwar l-aċċessibilità**

- b) kriterji relatati mal-ispejjeż ta' produzzjoni u żvilupp li għaddejjin sabiex fil-valutazzjoni jittieħed kont ta':**

- **l-ispejjeż marbuta mad-disinn tal-karatteristiċi ta' aċċessibilità tal-prodott jew tas-servizz**
- **l-ispiża mġarrba fil-proċessi ta' manifattura**
- **l-ispejjeż relatati mal-ittestjar tal-prodott jew tas-servizz għall-aċċessibilità**
- **l-ispiża relatata mal-istabbiliment ta' dokumentazzjoni.**

2. **L-istima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji għall-operaturi ekonomiċi, inkluż proċessi ta' produzzjoni u investimenti, b'rabta mal-benefiċċju stmat għall-persuni b'diżabbiltà, filwaqt li jitqiesu l-għadd u l-frekwenza tal-użu tal-prodott jew tas-servizz speċifiku.**
3. **Il-proporzjon bejn l-ispiża netta tal-aċċessibbiltà mal-fatturat nett tal-operatur ekonomiku.**

**Elementi li għandhom jintużaw biex tiġi vvalutata l-ispiża netta tal-aċċessibbiltà:**

- a) **kriterji relatati ma' spejjeż organizzattivi ta' darba biex fil-valutazzjoni jittieħed kont ta':**
  - **l-ispejjeż relatati ma' riżorsi umani addizzjonali b'għarfien espert dwar l-aċċessibbiltà**
  - **l-ispiża relatata mat-taħriġ tar-riżorsi umani u biex jinkisbu kompetenzi dwar l-aċċessibbiltà**
  - **l-ispiża tal-iżvilupp ta' proċess ġdid biex tiġi inkluzja l-aċċessibbiltà fl-iżvilupp tal-prodott jew fil-forniment tas-servizz.**
  - **spejjeż relatati mal-iżvilupp ta' materjal ta' gwida dwar l-aċċessibbiltà**
  - **spejjeż ta' darba biex ikun hemm għarfien tajjeb tal-leġislazzjoni dwar l-aċċessibbiltà**
- b) **kriterji relatati mal-ispejjeż ta' produzzjoni u żvilupp li għaddejjin sabiex fil-valutazzjoni jittieħed kont ta':**
  - **l-ispejjeż marbuta mad-disinn tal-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott jew tas-servizz**
  - **l-ispiża mġarrba fil-proċessi ta' manifattura**
  - **l-ispejjeż relatati mal-ittestjar tal-prodott jew tas-servizz għall-aċċessibbiltà**
  - **l-ispiża relatata mal-istabiliment ta' dokumentazzjoni.**